© Shutterstock.com/tsvetina_ivanova



# Id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

## Rapport ta' informazzjoni

Relatur: Krzysztof Pater

*Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

# RAPPORT TA' INFORMAZZJONI

Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza

**Id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew**

Relatur: **Krzysztof PATER**

| | |
|---|---|
| Bażi legali | Artikolu 31 tar-Regoli ta' Proċedura |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 06/03/2019 |
| Adottata fil-plenarja | 20/03/2019 |
| Sessjoni plenarja Nru | 542 |

1. **Introduzzjoni**

1.1 Dan ir-rapport jippreżenta s-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea (UE) b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (PE). Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), korp konsultattiv tal-UE, jemmen li għandu d-dmir, fit-tħejjija għall-elezzjonijiet tal-PE, li jipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u liċ-ċittadini tal-UE stampa sħiħa ta' kif dan id-dritt huwa attwalment implimentat. Il-KESE jittama li fl-elezzjonijiet li jmiss fl-2024, l-ebda ċittadin tal-UE ma jkun imċaħħad mid-dritt tal-vot tiegħu minħabba d-diżabilità tiegħu.

1.2 Id-data għal dan ir-rapport ġiet ipprovduta minn bosta mijiet ta' nies, li jirrappreżentaw għadd sinifikanti ta' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet mis-27 Stat Membru (**ir-Renju Unit ma ġiex meqjus peress li ser joħroġ mill-UE fid-29 ta' Marzu 2019, qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019**) – fil-biċċa l-kbira awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri responsabbli għall-proċess elettorali u organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw jew jappoġġjaw persuni b'diżabilità, iżda wkoll membri tal-Parlament Ewropew mill-Intergrupp dwar id-Diżabilità u rappreżentanti tal-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità.

1.3 L-oqsma prinċipali tar-rapport jikkonsistu f'analiżi legali qasira inizjali ta' atti bażiċi li jiżguraw li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt li jivvutaw (li ħafna drabi mhuwiex rispettat fil-ħajja reali) u l-qafas legali għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, flimkien ma' azzjonijiet possibbli fil-livell tal-UE biex itejbu s-sitwazzjoni. Sussegwentement, ir-rapport jippreżenta ostakli legali fil-livell tal-Istati Membri li jċaħħdu liċ-ċittadini tal-UE mid-dritt li jivvutaw minħabba d-diżabilità tagħhom, flimkien ma' eżempji tajbin ta' progress li sar fis-snin riċenti f'ħafna pajjiżi. Ir-rapport imbagħad jiddiskuti l-ostakli u jippreżenta wkoll bosta prattiki tajba (fil-kuntest ta' persuni b'diżabilità), l-ewwel nett billi jqis l-oqsma rilevanti għall-pajjiżi kollha: l-aċċess għall-informazzjoni matul il-perjodu ta' qabel l-elezzjoni, l-organizzazzjoni tal-votazzjoni fil-postijiet tal-votazzjoni "ġenerali", il-karti tal-vot u l-aċċessibbiltà tagħhom. Il-ftit sezzjonijiet ta' wara jkopru soluzzjonijiet eżistenti f'numru limitat ta' Stati Membri – il-votazzjoni bikrija f'postijiet tal-votazzjoni magħżula, il-vot bil-posta, il-votazzjoni fil-kaxxi tal-voti mobbli, il-votazzjoni bi prokura u l-votazzjoni elettronika. Finalment jiġu ppreżentati xi aspetti relatati ma' arranġamenti li jippermettu lil persuni li jinsabu fi sptarijiet u istituzzjonijiet tal-kura fit-tul li jivvutaw, id-dritt ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw f'pajjiżi fejn il-votazzjoni hija obbligatorja, u l-proċeduri f'każijiet meta persuna b'diżabilità għandha r-residenza permanenti tagħha f'pajjiż differenti mill-pajjiż ta' oriġini tagħha.

1.4 L-għan tar-rapport mhuwiex li jikkritika xi wieħed mill-pajjiżi tal-UE. Anzi, ħafna minnu huwa magħmul minn eżempji pożittivi, u l-arranġamenti li jeħtieġu titjib jew bidliet huma ġeneralment diskussi mingħajr ma jissemmew pajjiżi speċifiċi affettwati minn problema partikolari.

1.5 Dan ir-rapport ikopri proċeduri fl-elezzjonijiet Ewropej, iżda soluzzjonijiet simili jew l-istess huma applikati wkoll fl-elezzjonijiet parlamentari nazzjonali, fl-elezzjonijiet lokali jew f'referendums. Il-KESE jittama li dan ir-rapport se jgħin lill-pajjiżi tal-UE jfasslu soluzzjonijiet komprensivi biex ineħħu l-ostakli (organizzattivi) legali u tekniċi li jimpedixxu lil ċerti persuni b'diżabilità milli jivvutaw. Il-KESE qed joqgħod fuq din l-informazzjoni li qed tintuża mill-

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed ifittxu li jneħħu l-ostakoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot minn persuni b'diżabilità, u fuq l-awtoritajiet pubbliċi – spiss mil-livell lokali – li jistgħu jimplimentaw bosta arranġamenti prattiċi mingħajr l-ebda tibdil fil-liġi nazzjonali.

## 2. Konklużjonijiet

2.1 F'kull wieħed mis-27 pajjiż tal-UE, hemm liġijiet jew arranġamenti organizzattivi li jeskludu lil xi votanti b'diżabilità milli jieħdu sehem fl-elezzjonijiet tal-PE.

2.1.1 Madwar 800 000 ċittadin tal-UE minn 16-il Stat Membru huma, minħabba r-regoli nazzjonali, imċaħħda mid-dritt li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet tal-PE minħabba d-diżabilità jew il-problemi ta' saħħa mentali tagħhom. Il-firxa ta' dan il-fenomenu hija irregolari ħafna fil-pajjiżi individwali.

2.1.2 Miljuni ta' ċittadini tal-UE ma għandhom l-ebda possibbiltà li jivvutaw minħabba l-arranġamenti organizzattivi (ostakli tekniċi) li ma jqisux il-bżonnijiet marbuta mad-diżabilità tagħhom.

2.1.3 Il-post prinċipali tal-votazzjoni huwa l-post tal-votazzjoni. Ħafna persuni b'diżabilità, anke meta jingħataw l-għażla ta' forom alternattivi u aktar konvenjenti ta' votazzjoni, ikunu jridu jivvutaw fil-post tal-votazzjoni, għaliex jirrikonoxxuh bħala l-aqwa forma ta' parteċipazzjoni ċivika. Fi 12-il pajjiż, dan jista' ma jkunx possibbli, peress li l-leġislazzjoni nazzjonali ma tippermettix li l-post tal-votazzjoni magħżul fuq il-bażi tar-residenza jinbidel għal ieħor li jista' jakkomoda aħjar it-tip speċifiku ta' diżabilità. F'pajjiżi oħra, il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet hija diffiċli minħabba numru ta' restrizzjonijiet fil-postijiet tal-votazzjoni.

2.1.4 Fi tmien Stati Membri, kull min ma jistax jasal fil-post tal-votazzjoni ma jistax jivvota, peress li m'għandux l-għażla ta' forma alternattiva ta' votazzjoni (vot bil-posta, votazzjoni permezz ta' kaxxa tal-voti mobbli jew votazzjoni elettronika). Tlieta minn dawn il-pajjiżi joffru l-possibbiltà ta' votazzjoni bi prokura. Madankollu, soluzzjoni bħal din ma tistax titqies bħala alternattiva adegwata. Fil-fatt, ma tippermettix lill-votant b'diżabilità jeżerċita d-dritt tal-vot tiegħu, imma sempliċement tippermetti lill-votanti jinnominaw lil xi ħadd lil min jistgħu jiddelegaw il-vot tagħhom.

2.1.5 Fi 18-il Stat Membru, il-votanti għomja ma għandhom l-ebda mod biex jivvutaw b'mod indipendenti; jistgħu biss jafdaw lil xi ħadd li jakkumpanjahom biex jitfa' l-vot tagħhom f'isimhom.

2.1.6 Fattur ieħor li jżomm lin-nies milli jivvutaw indipendentement jew jiskoraġġihom milli jagħmlu hekk huma regoli u arranġamenti organizzattivi speċifiċi – bħan-nuqqas ta' informazzjoni adattata għal tipi differenti ta' diżabilità, ostakli għall-mobbiltà fil-post tal-votazzjoni nnifsu u proċeduri amministrattivi ta' piż – li jirregolaw kif il-votanti jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw f'forma adattata b'mod xieraq.

2.2 Li kieku jiġu implimentati l-aħjar prattiki minn madwar il-pajjiżi kollha, tinħoloq sistema ideali li fiha kull ċittadin tal-UE b'diżabilità mhux biss ikollu l-possibbiltà sħiħa li jivvota iżda wkoll ikun jista' jagħżel għalih innifsu l-aktar mod konvenjenti biex jivvota.

2.3 Il-leġislazzjoni attwali tal-UE diġà tindirizza numru ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-elezzjonijiet tal-PE. Għalhekk, m'hemm l-ebda ostaklu formali għal din il-leġislazzjoni biex tinkludi wkoll garanziji dwar l-għażliet tal-votazzjoni għall-persuni b'diżabilità. Fi kwalunkwe każ, madankollu, hemm il-ħtieġa għal inizjattiva leġislattiva formali tal-PE u li tkun approvata sussegwentement mill-Istati Membri kollha.

## 3. Il-qafas legali u politiku internazzjonali prinċipali li japplika għad-drittijiet tal-vot tal-persuni b'diżabilità

3.1 L-atti legali tan-Nazzjonijiet Uniti

3.1.1 Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-10 ta' Diċembru 1948. Din tiddikjara fl-Artikolu 21 li "Kulħadd għandu d-dritt li jieħu sehem fil-gvern ta' pajjiżu, direttament jew permezz ta' rappreżentanti magħżula liberament".

3.1.2 Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fis-16 ta' Diċembru 1966, jiddikjara fl-Artikolu 25 li "Kull ċittadin għandu jkollu d-dritt u l-opportunità, mingħajr l-ebda distinzjoni msemmija fl-Artikolu 2 u mingħajr restrizzjonijiet mhux raġonevoli: ... (b) li jivvota ... f'elezzjonijiet perjodiċi ġenwini".

3.1.3 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), adottata fl-2006, li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2008[1], bħalissa hija l-aktar att legali importanti tan-NU relatat mal-persuni b'diżabilità.

3.1.3.1 L-Artikolu 29 tas-CRPD[2] jirrikjedi espliċitament lill-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni biex "jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv u sħiħ fil-ħajja politika u pubblika fuq bażi ugwali ma' oħrajn, direttament jew permezz ta' rappreżentanti magħżula liberament, inkluż id-dritt u l-opportunità ... li jivvutaw" u jistipula numru ta' miżuri biex dan iseħħ, u jirrikjedi li:

- "il-proċeduri, il-faċilitajiet u l-materjali ta' votazzjoni [jkunu] adegwati, aċċessibbli u faċli biex wieħed jifhimhom u jużahom";
- "id-dritt tal-persuni b'diżabilità li jivvutaw b'vot sigriet ... mingħajr intimidazzjoni" jiġi protett;
- persuni b'diżabilità jitħallew ikollhom "assistenza fil-votazzjoni minn persuna li jagħżlu huma stess".

1 Is-CRPD ġiet irratifikata mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri kollha.

2 Malta qajmet riżervi rigward l-Artikolu 29.

3.1.3.2 L-Artikolu 29 tas-CRPD għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 9 (Aċċessibbiltà), li jirrikjedi li "Bini, toroq, trasport u faċilitajiet oħra ta' ġewwa u ta' barra" użati mill-pubbliku jkunu aċċessibbli. Dan l-artikolu għandu jinqara wkoll flimkien mal-Artikolu 12 (Rikonoxximent ugwali quddiem il-liġi)[3], li jirrikonoxxi li "persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal rikonoxximent kullimkien bħala persuni quddiem il-liġi" u "jgawdu kapaċità legali fuq bażi ugwali mal-oħrajn fl-aspetti kollha tal-ħajja".

3.1.3.3 Il-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[4] ddikjara, fil-Kumment Ġenerali tiegħu dwar l-Artikolu 9, li persuni b'diżabilità ma jkunux jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom garantiti mill-Artikolu 29 "jekk l-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni jonqsu milli jiżguraw li l-proċeduri, il-faċilitajiet u l-materjali tal-votazzjoni jkunu xierqa, aċċessibbli u faċli biex jinftiehmu ... Jekk le, il-persuni b'diżabilità huma mċaħħda mid-dritt tagħhom li jipparteċipaw fil-proċess politiku b'mod ugwali." Fil-Kumment Ġenerali dwar l-Artikolu 12, il-Kumitat enfasizza li "Sabiex jitwettaq kompletament ir-rikonoxximent ugwali tal-kapaċità legali fl-aspetti kollha tal-ħajja, huwa importanti li tiġi rikonoxxuta l-kapaċità legali tal-persuni b'diżabilità fil-ħajja pubblika u politika (Artikolu 29). Dan ifisser li l-kapaċità ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' persuna ma tistax tkun ġustifikazzjoni għal kwalunkwe esklużjoni ta' persuni b'diżabilità milli jeżerċitaw id-drittijiet politiċi tagħhom, inkluż id-dritt tal-vot".

3.2 L-atti legali tal-Unjoni Ewropea

3.2.1 It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula b'mod ċar, fl-Artikolu 20(2)(b), li "Iċ-ċittadini tal-Unjoni ... għandhom, fost l-oħrajn: ... (b) id-dritt tal-vot ... fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ... fl-Istat Membru fejn huma jirrisjedu, taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat".

3.2.2 Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tikkonferma, fl-Artikolu 39, id-dritt taċ-ċittadini kollha tal-UE li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Fl-Artikolu 21(1) il-Karta tikkonferma li "Kull diskriminazzjoni bbażata fuq ... diżabbiltà ... għandha tkun projbita". L-Artikolu 26 jiddikjara li "L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet tal-persuni diżabbli li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità".

3.3 Atti legali u politiċi ewlenin oħra

3.3.1 L-Artikolu 15 tal-Karta Soċjali Ewropea (riveduta)[5] jiggarantixxi espliċitament lill-persuni b'diżabilità "l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tagħhom għall-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u l-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunità".

3.3.2 Id-Dikjarazzjoni Interpretattiva riveduta tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-Kodiċi ta' Prattika Tajba fi Kwistjonijiet Elettorali dwar il-Parteċipazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità fl-Elezzjonijiet[6]

3 L-Estonja, Franza u n-Netherlands għamlu dikjarazzjonijiet u l-Polonja qajmet riżervi fir-rigward tal-Artikolu 12.

4 Il-korp ta' esperti indipendenti li jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni. Wieħed mid-dmirijiet tiegħu huwa li jippubblika kummenti ġenerali dwar l-artikoli tas-CRPD li jirrikjedu interpretazzjoni.

5 Irratifikata minn 19-il Stat Membru tal-UE.

tiddikjara li "persuni b'diżabilità għandhom ... ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw ... fuq bażi ugwali ma' ċittadini oħra" u l-Kodiċi ta' Prattika Tajba fi Kwistjonijiet Elettorali[7] jinnota li "tista' ssir dispożizzjoni biex individwi jiġu mċaħħda mid-dritt tagħhom li jivvutaw" jekk din tkun ibbażata fuq l-inkapaċità intellettwali u bil-kondizzjoni li tiġi imposta b'deċiżjoni individwali tal-qorti.

3.3.3 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adottata fis-16 ta' Novembru 2011[8] tafferma mill-ġdid li l-persuni kollha b'diżabilità għandhom id-dritt li jipparteċipaw fil-ħajja politika u pubblika fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Tenfasizza wkoll li l-karti tal-vot u l-faċilitajiet aċċessibbli għandhom ikunu disponibbli fil-ħin tal-votazzjoni.

3.3.4 Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma tistipulax id-dritt għall-vot; madankollu, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbiliet li l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 1 jiggarantixxi drittijiet individwali, inkluż id-dritt għall-vot, u li l-irtirar ta' dan id-dritt għandu jkun suġġett għal valutazzjoni stretta tal-proporzjonalità. Fis-sentenza Alajos Kiss v. L-Ungerija[9], il-Qorti aċċettat li d-dritt għall-vot huwa qasam li fih, ġeneralment, għandu jingħata marġni ta’ apprezzament wiesa’ lil-leġislatur nazzjonali biex jiddetermina jekk ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-vot jistgħux jiġu ġġustifikati fi żminijiet moderni, iżda fl-istess ħin enfasizzat li ma jistax jiġi aċċettat li l-inammissibbiltà tal-vot minn kwalunkwe persuna taħt tutela parzjali, irrispettivament mill-fakultajiet attwali tiegħu jew tagħha, taqa’ f’marġni aċċettabbli ta’ apprezzament, u li jekk restrizzjoni fuq id-drittijiet fundamentali tapplika għal grupp partikolarment vulnerabbli fis-soċjetà, li jkun sofra diskriminazzjoni konsiderevoli fil-passat, bħalma huma l-persuni b’diżabilità intellettwali, allura l-marġni ta’ apprezzament tal-Istat huwa sostanzjalment idjaq u għandu jkollu raġunijiet b’saħħithom ħafna għar-restrizzjonijiet inkwistjoni. Sussegwentement, il-Qorti kkonfermat din il-pożizzjoni f'kawżi oħra.

3.4 Kummenti

3.4.1 Huwa ċar li, għal ħafna snin, id-dritt tal-vot ġie ggarantit għaċ-ċittadini tal-UE permezz ta' ħafna atti legali.

3.4.2 Fis-seklu 21, il-liġi internazzjonali u Ewropea dwar id-dritt tal-vot għall-persuni b'diżabilità qed tinbidel, minn dikjarazzjonijiet pjuttost ġenerali għal soluzzjonijiet aktar dettaljati, fejn tiffoka fuq l-implimentazzjoni attwali tad-drittijiet tal-vot għal dawn il-persuni.

3.4.3 Fir-rigward tal-ostakli tekniċi li jimpedixxu lill-persuni b’diżabilità milli jivvutaw fl-elezzjonijiet, l-attenzjoni qed tiffoka fuq diversi aspetti tal-aċċessibbiltà – inkluż l-aċċess għall-postijiet tal-votazzjoni u għal forom oħra ta’ votazzjoni u l-kapaċità li jimlew jew jagħżlu l-karti tal-vot.

---

6 Adottata mill-Kunsill għall-Elezzjonijiet Demokratiċi fid-39 laqgħa tiegħu (Venezja, 15 ta' Diċembru 2011) u mill-Kummissjoni ta' Venezja fid-89 sessjoni plenarja tagħha (Venezja, 16-17 ta' Diċembru 2011).

7 Adottat mill-Kummissjoni ta' Venezja fit-52 sessjoni tagħha (Venezja, 18-19 ta' Ottubru 2002).

8 CM/Rec(2011)14.

9 Sentenza Nru 38832/06, tal-20 ta' Mejju 2010.

3.4.4 Fir-rigward tal-ostakli legali, dak li huwa kruċjali huwa l-bidla fl-attitudni lejn persuni b'diżabilità intellettwali jew problemi ta' saħħa mentali li huma koperti minn miżuri protettivi imma li għadhom qed jiġu mċaħħda mid-drittijiet tal-vot. Is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdu indikazzjoni ċara li l-pajjiżi kollha, li s-sistemi legali tagħhom awtomatikament ineħħu d-drittijiet tal-vot lil persuni li huma mċaħħda mill-kapaċità legali, għandhom jallinjaw is-sistemi tagħhom mal-obbligi internazzjonali, tal-anqas billi jipprovdu valutazzjonijiet ġudizzjarji individwali. Huwa probabbli ħafna li, fis-snin li ġejjin, il-pożizzjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità se tikkonferma li l-ebda ċaħda tad-drittijiet tal-vot mhi aċċettabbli fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

## 4. Il-bażi ġuridika għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

### 4.1 Kuntest storiku

4.1.1 L-Assemblea, imwaqqfa skont l-Artikolu 137 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (it-Trattat KEE), kienet inizjalment, skont l-Artikolu 138(1) tat-Trattat KEE, magħmula minn delegati maħtura minn fost membri tal-parlamenti nazzjonali skont il-proċedura stabbilita minn kull Stat Membru. Madankollu, ġie indikat b'mod ċar fl-Artikolu 137 li "L-Assemblea ... għandha tkun magħmula minn rappreżentanti tal-popli tal-Istati magħquda fil-Komunità".

4.1.2 Fl-ewwel sessjoni tagħha, li saret bejn id-19 u l-21 ta' Marzu 1958, l-Assemblea ħadet l-isem "Assemblée parlementaire européenne" bil-Franċiż," Assemblea parlementara" bit-Taljan u, aktar sinifikanti, "Europees Parlament" bin-Netherlandiż u "Europäisches Parlament" bil-Ġermaniż. Fit-30 ta' Marzu 1962, l-Assemblea ddeċidiet li tarmonizza isimha fil-lingwi uffiċjali differenti u għażlet "Parlement européen" bil-Franċiż u "Parlemento europeo" bit-Taljan. Minn dakinhar, l-isem "Parlament Ewropew" ilu jintuża b'mod komuni, minkejja l-fatt li t-titlu "Assemblea" għadu fl-atti legali.

4.1.3 L-Artikolu 138(3) tat-Trattat KEE ħoloq il-bażi legali għar-regoli elettorali għall-Parlament Ewropew. Dan l-artikolu jipprovdi li "L-Assemblea għandha tfassal proposti għall-elezzjonijiet b'vot universali dirett skont proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi permezz ta' vot unanimu, għandu jiddetermina d-dispożizzjonijiet li għandu jirrakkomanda lill-Istati Membri għall-adozzjoni skont ir-regoli kostituzzjonali rispettivi tagħhom."

4.1.4 B'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, l-Assemblea għamlet proposta leġislattiva lill-Kunsill bil-ħsieb li tintroduċi vot universali dirett, u l-Kunsill approvah, adotta unanimament l-Att dwar l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Assemblea b'vot universali dirett, mehmuż mad-Deċiżjoni 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (l-Att Elettorali tal-1976), li toħloq il-bażi legali għall-ewwel elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew, li seħħew fl-1979.

4.2 Regoli attwali

4.2.1 L-Att Elettorali tal-1976 stabbilixxa r-regoli li ġejjin għall-proċess elettorali għall-Assemblea:

- jistabbilixxi l-elezzjoni ta' rappreżentanti għall-Assemblea b'vot universali dirett (Artikolu 1) u n-numru tagħhom elett f'kull Stat Membru (Artikolu 2);
- jiddetermina l-mandat tar-rappreżentanti tal-Assemblea bħala ħames snin (Artikolu 3);
- jiddikjara l-individwalità, il-karattru personali u l-indipendenza tal-voti tar-rappreżentanti (Artikolu 4);
- jiżgura l-kompatibbiltà tal-uffiċċju ta' rappreżentant ma' mandat parlamentari nazzjonali (Artikolu 5);
- jiddikjara n-nuqqas ta' kompatibbiltà tal-uffiċċju ta' rappreżentant ma' uffiċċji nazzjonali jew Ewropej oħra (Artikolu 6);
- jipprojbixxi l-votazzjoni aktar minn darba f'elezzjonijiet tar-rappreżentanti għall-Assemblea (Artikolu 8);
- jistabbilixxi l-perjodu elettorali u d-data tal-ewwel elezzjonijiet (Artikoli 9 u 10).
- jistabbilixxi l-verifika tal-kredenzjali (Artikolu 11);
- jistabbilixxi l-proċedura għall-mili ta' siġġijiet li jispiċċaw vojta matul il-mandat ta' ħames snin (Artikolu 12).

4.2.2 L-Att Elettorali tal-1976 stabbilixxa r-regoli bażiċi għall-proċess elettorali għall-Assemblea. Kien kapaċi jistabbilixxi biss xi dispożizzjonijiet ta' vot elettorali universali u mhux, kif previst fl-Artikolu 138(3), "proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha". L-Att Elettorali tal-1976 kien fih numru ta' regoli u prinċipji komuni, li jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala "qafas leġislattiv" aktar milli "proċedura uniformi".

4.2.3 L-Att Elettorali tal-1976 ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom li kienet tinkludi l-bidliet sostantivi li ġejjin:

- obbligu fuq l-Istati Membri biex jipprovdu għall-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew abbażi ta' rappreżentanza proporzjonali bl-użu tas-sistema ta' lista jew tal-vot wieħed trasferibbli, bil-permess lill-Istati Membri biex jawtorizzaw votazzjoni bbażata fuq sistema ta' lista preferenzjali (Artikolu 1(1)(2));
- elezzjonijiet ħielsa u sigrieti (Artikolu 1(3));
- il-libertà għall-Istati Membri li jistabbilixxu kostitwenti għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, sakemm in-natura proporzjonali tal-elezzjoni ma tkunx affettwata (Artikolu 2);
- il-possibbiltà għall-Istati Membri li jistabbilixxu limitu minimu nazzjonali li ma jistax jeċċedi 5 % tal-voti mitfugħa u li jistabbilixxu limitu massimu għall-ispejjeż tal-kampanja elettorali tal-kandidati (Artikolu 2A u 2B);
- l-inserzjoni ta' raġunijiet ġodda għan-nuqqas ta' kompatibbiltà mal-kariga ta' membru tal-Parlament Ewropew, inkluż li tkun membru ta' parlament nazzjonali (Artikolu 6(2));
- l-istabbiliment tal-prinċipju li l-proċedura elettorali għandha tkun regolata f'kull Stat Membru bid-dispożizzjonijiet nazzjonali, sakemm in-natura proporzjonali tal-elezzjonijiet Ewropej ma tiġix affettwata (Artikolu 7);

- projbizzjoni li r-riżultati tal-għadd nazzjonali jsiru pubbliċi sakemm jingħalqu l-elezzjonijiet fl-aħħar Stat Membru li jivvota (Artikolu 9(2));
- dispożizzjonijiet aktar ċari għall-mili ta' siġġijiet li jispiċċaw vojta matul il-mandat ta' ħames snin (Artikolu 12).

4.2.4 L-emendi introdotti fl-Att Elettorali tal-1976 ġew adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 190(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (verżjoni konsolidata, minn hawn 'il quddiem "it-Trattat KE"), li jipprovdu f'dan l-artikolu (li qabel kien l-Artikolu 138 tat-Trattat KEE) li "Il-Parlament Ewropew għandu jfassal proposta għall-elezzjonijiet b'vot universali dirett skont proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew skont il-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha. Il-Kunsill għandu, waqt li jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, li għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet xierqa, li għandu jirrakkomanda lill-Istati Membri għall-adozzjoni skont il-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom."

4.2.5 L-Artikolu 8b(2) tat-Trattat tal-KE ddikjara li "Mingħajr ħsara għall-Artikolu 138(3) u għad-dispożizzjonijiet adottati għall-implimentazzjoni tiegħu, kull ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fi Stat Membru li tiegħu ma jkollux iċ-ċittadinanza, ikollu d-dritt li jivvota u li joħroġ bħala kandidat għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn huwa jirrisjedi, taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għall-persuni li għandhom iċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat. Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat soġġett għal arranġamenti dettaljati li għandhom jiġu adottati qabel il-31 ta' Diċembru 1993 mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew; dawn l-arranġamenti jistgħu jipprovdu għal derogi fejn ikunu ġustifikati minn problemi speċifiċi għal Stat Membru."

4.2.6 L-essenza ta' din id-dispożizzjoni issa hija inkluża fl-Artikoli 20(2)(b) u 22(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jtenni d-dritt taċ-ċittadini migranti tal-UE li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-istat ta' residenza tagħhom b'termini ugwali maċ-ċittadini ta' dak l-istat.

4.2.7 Skont l-Artikolu 8b(2) tat-Trattat KE, id-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE[10] ġiet adottata. Id-dispożizzjonijiet prinċipali introdotti b'din id-Direttiva kienu:

- il-possibbiltà għaċ-ċittadini tal-UE li jivvutaw u joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fi Stat Membru li mhux l-istat ta' oriġini tagħhom taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-istat, bil-possibbiltà għal Stat Membru li jirrestrinġi dawn id-drittijiet għal votanti tal-UE li rrisjedew għal perjodu minimu li ma jaqbiżx 5 snin (għall-votazzjoni) u 10 snin (għall-kandidatura għall-kariga), jekk in-numru ta' votanti mhux nazzjonali jaqbeż l-20 % tan-numru totali ta' ċittadini tal-UE li jirrisjedu f'dak l-istat;
- l-istabbiliment ta' proċedura għal votanti jew kandidati mhux nazzjonali biex jesprimu x-xewqa li jivvutaw jew li joħorġu bħala kandidati fl-istat ta' residenza tagħhom;
- l-istabbiliment ta' proċedura biex jiġi ċċekkjat jekk votanti jew kandidati mhux nazzjonali ġewx imċaħħda mid-dritt li jivvutaw jew li joħorġu bħala kandidati fl-istat ta' oriġini

10 ĠU L 329, 30.12.1993, p. 34.

tagħhom u l-projbizzjoni fuq voti doppji u kandidati kemm fl-istat ta' residenza kif ukoll fl-istat ta' oriġini.

4.2.8 Madankollu, huwa importanti li jiġi nnutat li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/109/KE huwa limitat ħafna u ma jikkonċernax il-mod kif jiġu organizzati l-elezzjonijiet Ewropej, li għalihom l-Att Elettorali tal-1976 huwa l-unika bażi.

4.3 Il-possibbiltà li jiġu emendati r-regoli attwali

4.3.1 Fil-preżent, il-bażi legali għall-emendi għall-qafas legali attwali dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew hija mnaqqxa fl-Artikolu 223(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (dak li kien l-Artikolu 190(4) u (5) tat-Trattat KE), li jiddikjara li "Il-Parlament Ewropew għandu jħejji proposta bil-ħsieb li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex il-membri tiegħu jiġu eletti b'vot dirett universali skont il-proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew skont il-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha. Il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu skont il-proċedura leġislattiva speċjali u wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, li għandha tingħata b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, għandu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Istati Membri, skont il-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

4.3.2 Il-bażi legali attwali għal modifiki futuri fis-sistema elettorali Ewropea hija simili għal dik preċedenti skont l-Artikolu 137 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 190(4) tat-Trattat KE.

4.3.3 Huwa wkoll neċessarju li wieħed isemmi li tista' tiġi introdotta tip ta' miżura eħfef, anqas invażiva, ibbażata fuq l-Artikolu 13 tal-Att Elettorali tal-1976, li jiddikjara li "Jekk jidher neċessarju li jiġu adottati miżuri biex jimplimentaw dan l-Att, il-Kunsill, waqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Assemblea wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jadotta dawn il-miżuri wara li jipprova jilħaq ftehim mal-Assemblea f'kumitat ta' konċiljazzjoni li jkun jikkonsisti mill-Kunsill u minn rappreżentanti tal-Assemblea".

4.3.4 Abbażi tal-Artikolu 13, il-miżuri jistgħu jiġu adottati sakemm iservu biex jimplimentaw dispożizzjonijiet jew prinċipji diġà inklużi fl-Att Elettorali tal-1976. Il-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom jiġu proposti mill-Parlament wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u għandhom jiġu adottati mill-Kunsill b'unanimità.

4.3.5 Fil-11 ta' Novembru 2015, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni ta' inizjattiva leġislattiva dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea (2015/2035(INL))[11]. Din l-inizjattiva segwiet l-approċċ tal-qafas preċedenti, li ma stabbilixxiex proċedura tal-elezzjoni uniformi, iżda stabbilixxa prinċipji komuni. Il-parlamenti nazzjonali ta' xi Stati Membri bagħtu opinjonijiet li jallegaw nuqqas ta' konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

11 Ir-rapport tal-inizjattiva leġislattiva P8_TA(2015)0395 ġie awtorizzat fil-5 ta' Frar 2015 mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament Ewropew.

## 4.4 Kummenti

4.4.1 Att legali wieħed biss immirat lejn is-sistema elettorali tal-Parlament Ewropew jistipula dispożizzjonijiet li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-vot taċ-ċittadini tal-UE. Dawn japplikaw għal persuni li jirrisjedu fi Stat Membru li mhux il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

4.4.2 L-ebda att legali ma jsemmi d-drittijiet reali għall-vot, speċjalment dawk tal-persuni b'diżabilità.

4.4.3 Peress li kwalunkwe bidla fis-sistema elettorali eżistenti tirrikjedi appoġġ mill-maġġoranza tal-membri tal-Parlament Ewropew u deċiżjoni unanima mill-Kunsill, segwita mill-approvazzjoni tal-Istati Membri skont il-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom, jidher improbabbli li din is-sistema se tiġi emendata b'mod sinifikanti fil-futur qarib. Madankollu, jista' jkun possibbli li jiġu adottati bidliet mhux kontroversjali fi żmien qasir jekk jiġu proposti mill-Parlament Ewropew, bil-kondizzjoni li proposta bħal din tkun limitata fil-kamp ta' applikazzjoni. Regolamenti mmirati lejn it-titjib tad-drittijiet reali għall-vot għaċ-ċittadini tal-UE b'diżabilità jistgħu jkunu idea li tista' tiġbed appoġġ mifrux fi żmien qasir.

# 5. L-ostakli legali għad-drittijiet tal-vot

## 5.1 Ċaħda tad-drittijiet tal-vot

5.1.1 Sabiex jiġu protetti l-interessi ta' xi persuni b'diżabilità intellettwali jew problemi ta' saħħa mentali, ġew introdotti diversi kunċetti ta' tutela madwar l-UE. Il-karatteristika komuni hija li t-tutur (imsejjaħ ukoll "trustee", "protettur", "kuratur", "konsulent") jirċievi awtorità legali biex jieħu deċiżjonijiet dwar kważi kollox (tutela plenarja) jew xi wħud (tutela parzjali) mill-oqsma tal-ħajja tad-dipendenti tagħhom, jew tal-anqas id-dritt li japprova xi deċiżjonijiet meħuda mid-dipendenti (is-setgħa li jimblokka). F'ħafna sistemi legali, dawn il-miżuri legali huma marbuta maċ-ċaħda tal-kapaċità legali tad-dipendenti u għalhekk maċ-ċaħda tad-dritt tal-vot tagħhom.

5.1.2 Skont is-sistemi legali ta’ disa’ pajjiżi, ħafna nies taħt diversi miżuri protettivi (tal-inqas taħt it-tutela tal-plenarja) huma esklużi awtomatikament mill-parteċipazzjoni politika u b’hekk jiċċaħħdu mid-dritt tal-vot. Dawn id-dispożizzjonijiet huma normalment inklużi fil-leġislazzjoni parlamentari, xi drabi direttament fil-kostituzzjoni. Dan huwa l-każ fil-**Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja** u **r-Rumanija**.

5.1.3 Skont seba’ liġijiet nazzjonali, it-tqegħid ta’ persuna taħt tutela ma jfissirx awtomatikament it-telf tad-drittijiet tal-vot. Il-ħatra ta’ tutur normalment issir mill-qorti/imħallef, li normalment jieħu wkoll deċiżjoni dwar il-kamp ta’ applikazzjoni tar-responsabbiltajiet tat-tutur abbażi ta’ valutazzjoni individwali. F’pajjiż wieħed, madankollu, deċiżjoni bħal din tittieħed minn Bord Mediku speċjali. Wara din il-proċedura, id-deċiżjoni separata li d-dipendenti jiġi mċaħħad mid-drittijiet tal-vot tista’ wkoll tittieħed mill-qorti. Dan jista’ jiġri f**il-Belġju, fir-Repubblika Ċeka, fi Franza, fl-Ungerija, f’Malta, fil-Portugall u fis-Slovenja**.[12]

12 In-numru ta’ persuni li huma mċaħħda mid-drittijiet tal-vot fil-maġġoranza ta’ dawn il-pajjiżi huwa żgħir ħafna.

5.1.4 Fi 11-il Stat Membru (**l-Awstrija, il-Kroazja, id-Danimarka**[13]**, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, in-Netherlands, is-Slovakkja, Spanja, l-Iżvezja**)[14], fl-ebda ċirkostanza ma jista' individwu jkun imċaħħad mid-dritt tal-vot.

5.1.5 Il-proċeduri jew biex jistabbilixxu t-tutela li jwasslu awtomatikament għall-privazzjoni tad-drittijiet tal-vot jew biex iċaħħdu d-drittijiet tal-vot abbażi ta' valutazzjoni individwali jvarjaw bejn l-Istati Membri. F'xi wħud minnhom, dawn il-proċeduri huma mmirati biss lejn persuni f'kundizzjoni medika severa ħafna mingħajr il-possibbiltà li jagħmlu kuntatt ma' persuni oħra, filwaqt li f'pajjiżi oħra eluf ta' persuni jridu jgħaddu minn proċess ikkumplikat li xi kultant jinkludi wkoll test ta' għarfien ġenerali b'mistoqsijiet dettaljati ħafna[15].

5.1.6 Id-data eżatta jew approssimattiva dwar in-numru ta' persuni mċaħħda mid-drittijiet tal-vot tagħhom minħabba diżabilità hija disponibbli biss għal xi Stati Membri. Madankollu, fuq il-bażi ta' dawn iċ-ċifri, huwa possibbli li jiġi stmat li madwar 800 000 ċittadin tal-UE jiġu impediti milli jipparteċipaw fl-elezzjonijiet tal-PE minħabba l-leġislazzjoni nazzjonali. Minkejja dan, l-estent ta' din il-kwistjoni hija irregolari ħafna fil-pajjiżi individwali. Fil-**Portugall**, pereżempju, madwar 100 persuna ma jistgħux jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom, imma hemm ukoll pajjiżi fejn din iċ-ċifra hija aktar minn 50 000 jew saħansitra madwar 300 000.

5.2 Bidliet riċenti fil-liġijiet tal-Istati Membri

5.2.1 Tendenza ċara tista' tiġi osservata fis-snin riċenti fis-sistemi legali tal-Istati Membri. Minflok iċ-ċaħda awtomatika tad-drittijiet tal-vot taċ-ċittadini kollha li jitpoġġew taħt tutela (li jitilfu l-kapaċità legali), is-sistemi qed jimxu lejn soluzzjonijiet mingħajr l-ebda ċaħda tad-drittijiet tal-vot jew b'numru limitat ta' każijiet ta' ċaħda, deċiżi minn qorti fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali.

5.2.2 Il-bidliet li ġejjin saru fl-Istati Membri matul l-aħħar tmien snin:

- il-kostituzzjoni l-ġdida li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012 fl-**Ungerija** biddlet is-sistema eżistenti ta' ċaħda awtomatika tad-drittijiet tal-vot taċ-ċittadini kollha li ġew imċaħħda mill-kapaċità legali, f'sistema li biha deċiżjoni tal-qorti hija meħtieġa f'kull każ individwali biex xi ħadd jiġi mċaħħad mid-drittijiet tal-vot tiegħu. Skont l-Artikolu XXIII(6) tal-kostituzzjoni emendata: "Dawk imċaħħdin minn qorti minħabba … kapaċità intellettwali limitata m'għandux ikollhom id-dritt tal-vot";
- l-emendi għat-Taqsima 356 tal-Liġi Ċivili magħmula fil-**Latvja** fid-29 ta' Novembru 2012, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013, jipprevedu li "Persuna m'għandhiex tkun ristretta fid-drittijiet mhux finanzjarji personali", li jfisser ukoll li persuni mċaħħda mill-kapaċità legali m'għandhomx jiġu miċħuda d-dritt tal-vot;
- ir-riforma legali implimentata f'Diċembru 2012 fil-**Kroazja**, bħala reazzjoni għall-kritika ppreżentata mill-Ombudsman għal Persuni b'Diżabilità, neħħiet it-tneħħija tad-dritt tal-vot lil

13 Ara d-dettalji fil-punt 5.2.2.

14 U anke fir-Renju Unit,

15 Fi Stat Membru partikolari, persuna li xtaqet iżżomm id-drittijiet tal-vota tagħha kellha twieġeb, fost l-oħrajn, il-mistoqsijiet li ġejjin: X'inhi l-veloċità tad-dawl? Min kienet Katerina l-Kbira?

persuni żvestiti mill-kapaċità legali tagħhom (l-Artikolu 64 tal-Att dwar ir-Reġistru tal-Votanti);

- skont il-Kodiċi Ċivili l-ġdid, adottat fir-**Repubblika Ċeka** fit-3 ta' Frar 2012, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, il-kunċett ta' privazzjoni awtomatika tad-drittijiet tal-vot ġie abolit u minflok "Il-qorti tista' tillimita l-kapaċità legali ta' individwu sal-punt sa fejn l-individwu ma jistax jagħmel atti ġuridiċi minħabba diżordni mentali li mhux biss hija temporanja, u għandha tiddefinixxi l-punt sa fejn illimitat il-kapaċità tal-individwu li jagħmel atti ġuridiċi indipendenti" (l-Artikolu 57(1));
- il-Liġi tas-17 ta' Marzu 2013 adottata fil-**Belġju** "li tirriforma l-iskemi ta' diżabilità u tintroduċi status ġdid ta' protezzjoni skont id-dinjità tal-bniedem" introduċiet il-preżunzjoni tal-kapaċità. Huwa preżunt li n-nies kollha (inklużi l-persuni b'diżabilità intellettwali) huma intitolati, kemm jista' jkun, li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom huma stess. Il-"ġustizzja tal-paċi", meta tkun qed tiġi stabbilita skema "mfassla apposta", għandha tispeċifika l-atti li l-persuna protetta titqies li mhix kapaċi għalihom (kemm f'termini ta' ġestjoni tal-assi kif ukoll ta' eżerċizzju ta' drittijiet personali). Jistgħu jiġu inklużi d-drittijiet tal-vot fost dawn l-atti, u għalhekk il-possibbiltà taċ-ċaħda awtomatika tad-drittijiet tal-vot ta' xi persuni nbidlet f'mekkaniżmu aktar flessibbli;
- l-Att tal-2015 dwar it-Teħid ta' Deċiżjonijiet Assistiti (Kapaċità) ġie ppromulgat fl-**Irlanda** fit-30 ta' Diċembru 2015. L-att jipprovdi qafas statutorju modern li jappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet minn adulti b'diffikultajiet relatati mal-kapaċità. Is-sistema l-ġdida, minflok mudell ta' tutela, toħloq numru ta' għażliet ta' appoġġ differenti (assistenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet, dawk li flimkien jieħdu d-deċiżjonijiet jew rappreżentanti tat-teħid tad-deċiżjonijiet). Bħala konsegwenza ta' dan l-approċċ, il-possibbiltà li xi ħadd jiġi mċaħħad mid-drittijiet tal-vot tiegħu ġiet abolita;
- f'April 2016, il-parlament fid-**Danimarka** biddel ir-regoli relatati mal-elezzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u tal-Parlament Ewropew. Minn dak iż-żmien, iċ-ċittadini adulti kollha kellhom id-dritt li jivvutaw f'dawn l-elezzjonijiet. Għad hemm restrizzjonijiet li jirreferu għall-elezzjonijiet tal-parlament nazzjonali (*Folketinget*), billi l-Kostituzzjoni Daniża tiddikjara li jekk persuna tkun imċaħħda mill-kapaċità legali tagħha, din awtomatikament titlef id-dritt tal-vot waqt elezzjoni parlamentari nazzjonali. Madankollu, sa mill-1 ta’ Jannar 2019, meta daħlet fis-seħħ l-emenda għall-Att dwar it-Tutela Legali li tippermetti li jkun hemm tutela parzjali (b’mod parallel għat-tutela parzjali preċedenti eżistenti), il-persuni kollha li huma biss parzjalment imċaħħda mill-kapaċità ġuridika tagħhom huma permessi jivvutaw għall-parlament nazzjonali wkoll;
- fis-**Slovakkja**, fit-22 ta' Marzu 2017, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li ċ-ċaħda legali tad-dritt tal-vot minħabba d-diżabilità intellettwali kienet kontra l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka. Dawn id-dispożizzjonijiet fil-liġi elettorali skadew fl-aħħar ta' Novembru 2017, sitt xhur wara d-data meta ġiet ippubblikata d-deċiżjoni tal-Qorti;
- fil-5 ta’ Diċembru 2018, il-Kungress tad-Deputati fi **Spanja** b’mod unanimu adotta l-Liġi Organika 2/2018 li temenda l-Liġi Organika 5/1985 dwar ir-Reġim Elettorali Ġenerali biex ikun garantit id-dritt tal-vot tal-persuni kollha b’diżabilità. Il-liġi l-ġdida ilha fis-seħħ sa mill-pubblikazzjoni tagħha fis-6 ta’ Diċembru fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Istat ta’ Spanja (Boletín Oficial del Estado). Wara din il-modifika legali, l-ebda persuna b’diżabilità ma tista’ tiġi mċaħħda mid-dritt tal-vot, u dawk li ġew imċaħħda preċedentement se jirkupraw dan id-dritt b’mod awtomatiku. Din il-bidla ġiet adottata bħala konsegwenza ta’ ftit snin tal-kampanji ta’

promozzjoni mwettqa minn assoċjazzjonijiet ewlenin ta’ persuni b’diżabilità fi Spanja (CERMI, Grupo Social ONCE, Piena Inclusion, FIAPAS);

- fid-29 ta’ Jannar 2019, il-Qorti Kostituzzjonali Federali fil-**Ġermanja** ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tal-liġi elettorali tal-pajjiż dwar it-tneħħija tad-dritt tal-vot tal-persuni mqiegħda taħt tutela huma antikostituzzjonali, madankollu esklużjoni mid-dritt tal-vot tista’ tkun iġġustifikata mill-kostituzzjoni jekk il-liġi tissodisfa kundizzjonijiet speċifiċi. Wara din ir-riżoluzzjoni, hija mistennija bidla fil-liġi elettorali, li se tiżgura d-drittijiet tal-vot tal-anqas lil grupp sinifikanti ta’ persuni li bħalissa huma mċaħħda mid-drittijiet tal-vot;
- fis-16 ta’ Frar 2019, l-Assemblea Nazzjonali fi **Franza** adottat il-liġi tal-ipprogrammar 2019-2022 u r-riforma tal-ġustizzja, li tinkludi r-revoka tal-artikolu dwar il-kodiċi elettorali, li jagħti lill-kuratur imħallef id-dritt li jirtira d-drittijiet tal-vot ta’ adulti taħt tutela – huwa mistenni li ċ-ċittadini kollha jkollhom id-dritt li jivvutaw, l-aktar tard matul l-elezzjonijiet muniċipali li jmiss fl-2020.

5.3 Kummenti

5.3.1 Id-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għandu jkun rikonoxxut mhux biss fid-dawl tas-CRPD u atti legali oħra tan-Nazzjonijiet Uniti, l-atti fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u dokumenti ewlenin oħra adottati minn entitajiet internazzjonali, iżda l-ewwel u qabel kollox bħala element importanti tad-dinjità tal-bniedem.

5.3.2 M'hemm l-ebda raġuni għalfejn id-dispożizzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, ibbażati fuq il-mudelli tal-għajnuna jew ta' tutela, għandhom jiġu kkombinati ma' dispożizzjonijiet li ma jippermettulhomx jivvutaw – li jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom bħala ċittadin.

5.3.3 Il-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet oħra tal-UE għandhom jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex iħaffu l-proċess ta' bidliet fis-sistemi legali tal-Istati Membri, li jwasslu għall-abolizzjoni tar-restrizzjonijiet legali kollha relatati mad-drittijiet tal-vot ta' persuni b'diżabilità.

## 6. L-ostakli tekniċi għad-drittijiet tal-vot

6.1 Aċċess għall-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità fiż-żmien ta' qabel il-jum tal-elezzjoni

6.1.1 Jeżistu arranġamenti f'ħafna Stati Membri biex jipprovdu lill-persuni b'diżabilità b'informazzjoni dwar l-elezzjonijiet f'forma mfassla apposta għall-bżonnijiet tagħhom. Spiss, prattiki bħal dawn huma bbażati fuq drawwiet li ilhom jeżistu u li mhumiex espressament previsti mil-liġi. L-għoti ta’ informazzjoni bħal din hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi, u l-miżuri meħuda mill-kumitati elettorali li jirrappreżentaw il-partiti jew il-kandidati, l-NGOs jew il-midja fuq inizjattiva tagħhom stess u bi spejjeż għalihom jistgħu biss jikkomplementaw din l-informazzjoni, u mhux jissostitwixxuha.

6.1.2 Id-dritt għal informazzjoni affidabbli dwar id-data tal-elezzjonijiet, il-metodu tal-votazzjoni u l-forom ta' votazzjoni barra li wieħed imur fil-post tal-votazzjoni, huwa marbut b'mod inseparabbli mad-dritt li tipparteċipa fl-elezzjonijiet. L-istituzzjonijiet pubbliċi responsabbli għall-elezzjonijiet fil-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi tal-UE jipprovdu lill-votanti fil-post tar-

residenza tagħhom b'informazzjoni bażika dwar is-suġġett u, f'xi pajjiżi, ukoll b'numri telefoniċi ta' għajnuna u l-indirizz tal-Internet ta' dik l-istituzzjoni. Din l-informazzjoni tieħu l-forma ta' fuljetti jew bullettini mibgħuta direttament fid-djar jew avviżi murija f'bini residenzjali u spazji pubbliċi, jew karti tal-vot speċjali bl-ismijiet mogħtija lill-votanti kollha, bħalma huwa l-każ, pereżempju, fid-**Danimarka** jew fil-**Litwanja**. Fi tmien Stati Membri, madankollu, l-informazzjoni minn istituzzjonijiet pubbliċi hija limitata ħafna u hija pprovduta permezz tal-midja u tal-Internet biss.

6.1.3 F'ċerti pajjiżi biss l-informazzjoni mogħtija lill-votanti tqis il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità. Pereżempju:

- Is-sit web tal-awtorità elettorali fl-**Iżvezja** (Valmyndigheten) jipprovdi informazzjoni sħiħa għall-votanti mhux biss bl-Iżvediż u 30 lingwa oħra iżda wkoll bi Żvediż li huwa faċli biex jinqara u bil-lingwa tas-sinjali[16];
- anke fl-**Iżvezja** u fil-**Ġermanja**[17], portal tal-internet "li jitkellem" huwa disponibbli fejn il-persuni għomja u neqsin mid-dawl u dawk b'diffikultajiet biex jaqraw it-test (pereżempju, persuni bid-dislessija) ikunu jistgħu jisimgħu l-informazzjoni moqrija;
- il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali fil-**Bulgarija** ppubblikat film dwar il-proċeduri ta' votazzjoni fis-sit web tagħha, li huwa mmirat lejn il-persuni b'diżabilità. Il-film huwa wkoll bil-lingwa tas-sinjali;
- il-Librerija għall-Għomja fis-**Slovakkja** toħroġ materjali dwar kif tivvota billi tuża l-karta tal-vot u lista sħiħa ta' kandidati bil-Braille u bħala reġistrazzjoni awdjo;
- fil-**Ġermanja**, il-persuni neqsin mid-dawl jew persuni għomja jistgħu jordnaw mudelli tal-karta tal-vot mill-organizzazzjoni tagħhom – Deutscher Blinden und Sehbehindertenverband, li hija legalment obbligata u ffinanzjata pubblikament biex tipproduċi u tqassam dawn il-mudelli. Il-mudell jintbagħat flimkien ma' CD li fuqu jiġu pprovduti l-istruzzjonijiet għall-mudell u l-informazzjoni uffiċjali dwar l-elezzjoni;
- fi **Spanja**[18] u fil-**Polonja**[19] il-films li jippreżentaw il-metodi ta' votazzjoni għall-għomja il-votanti huma ppubblikati fuq l-internet mill-awtoritajiet pubbliċi u l-NGOs;
- fir-**Repubblika Ċeka** l-Ministeru tal-Intern jibgħat fuljett ta' informazzjoni ġenerali (fil-forma mqassma liċ-ċittadini kollha) lill-Bord tal-Gvern għall-Persuni b'Diżabilità, li jqassmu lil bosta organizzazzjonijiet speċifiċi għal persuni b'diżabilità biex iħejju din l-informazzjoni għall-membri/klijenti tagħhom f'forma mfassla apposta għall-bżonnijiet tagħhom;
- fil-**Belġju**, jiġi rreġistrat tutorial qabel l-elezzjonijiet li juri b'mod aċċessibbli kif il-votazzjoni elettronika sseħħ fil-postijiet tal-votazzjoni[20];
- fis-**Slovenja**, qabel kull elezzjoni, il-ministeri rilevanti jibagħtu avviż lill-isptarijiet u lill-istituzzjonijiet tal-kura soċjali fit-tul li jiddikjara kif in-nies li joqogħdu hemm jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom;

16 Valmyndigheten - Teckenspråk

17 Der Beauftragter - Barrierefreiheit - Wahlen

18 https://www.youtube.com/watch?v=ThjZtOyIM3U

19 http://www.wyborybezbarier.org/braille.html

20 Eż. https://www.youtube.com/watch?v=8sWrV4S-P4c&feature=youtu.be

- fis-**Slovenja** ukoll, il-listi ta' kandidati kkonfermati jitqassmu lill-familji kollha fil-pajjiż mhux aktar tard minn 15-il jum qabel il-jum tal-votazzjoni;
- fir-**Rumanija**, l-Awtorità Elettorali Permanenti tipprovdi mappa onlajn li fiha l-postijiet tal-votazzjoni kollha; b'din il-mappa l-votanti jistgħu jidentifikaw il-post tal-votazzjoni u l-mod kif jaslu għalih mill-post attwali tagħhom jew minn post magħżul fuq il-mappa;
- fil-**Finlandja** l-fuljett ta’ informazzjoni dwar l-elezzjoni bil-Braille jitħallas mill-Ministeru tal-Ġustizzja iżda jiġi prodott u mqassam mill-Federazzjoni Finlandiża tal-Persuni Neqsin mid-Dawl (Näkövammaisten liitto ry); informazzjoni dwar l-elezzjonijiet li ġejjin hija ppubblikata onlajn f’diversi lingwi, inklużi fuljetti bil-miktub b’Finlandiż u Żvediż sempliċi u vidjo f’żewġ lingwi tas-sinjali (il-Finlandiż[21] u l-Finlandiż-Żvediż) kif ukoll b’Finlandiż sempliċi[22], Żvediż sempliċi u Ingliż sempliċi;
- fil-**Polonja**, is-siti web tal-awtoritajiet lokali jinkludu informazzjoni dwar il-possibbiltà tat-trasport għall-postijiet tal-votazzjoni għall-persuni b’diżabilità;
- fi **Spanja**, l-Uffiċċju taċ-Ċensiment Elettorali jipprovdi sit web speċjali fejn il-votanti jistgħu jdaħħlu n-numru tal-karta tal-identità nazzjonali tagħhom, jew isimhom u jum għeluq sninhom, biex jiksbu informazzjoni dwar il-post tal-votazzjoni u l-kummissjoni elettorali fejn jistgħu jitfgħu l-vot tagħhom;
- fl-**Irlanda** hemm hotline b’xejn disponibbli anke fil-jum tal-elezzjoni, b’numru tat-telefon faċli li wieħed jiftakru (li jirrifletti l-jum tal-elezzjoni), li toffri spjegazzjoni dettaljata ta’ kif għandek tivvota għal persuni b’diżabilità;
- il-konferenzi stampa kollha tal-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali fil-**Polonja** li huma ddedikati għall-elezzjonijiet u mxandra fuq it-televixin u l-internet, huma disponibbli b’interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali[23].

6.1.4 Għall-persuni b’mobbiltà mnaqqsa (inkluż dawk li jużaw siġġijiet tar-roti), persuni għomja jew dawk b’vista batuta ħafna, huwa importanti ħafna li jiksbu informazzjoni dwar kif post tal-votazzjoni speċifiku ġie adattat għall-bżonnijiet tagħhom u jekk tistax tingħata għajnuna mill-awtoritajiet pubbliċi fuq talba. Id-dritt għal informazzjoni bħal din huwa żgurat b'modi differenti ħafna f'pajjiżi individwali. F’ċerti pajjiżi, l-awtoritajiet pubbliċi jassumu li peress li hemm l-obbligu legali li l-postijiet tal-votazzjoni kollha jkunu aċċessibbli, allura kull post fil-fatt għandu jiġi adattat għalkollox għall-bżonnijiet tal-persuni b’diżabilità. Grupp ieħor huwa magħmul minn pajjiżi fejn hemm l-obbligu li tivvota fil-post tal-votazzjoni marbut mal-post tar-residenza tal-votant u m'hemm l-ebda possibbiltà li jinbidel. Għal din ir-raġuni, l-awtoritajiet jirrikonoxxu li informazzjoni bħal din tkun ta' ftit użu u li ma hemmx għalfejn jipprovduha. Fil-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi, madankollu, l-awtoritajiet jippruvaw jgħaddu din l-informazzjoni importanti – dan isir l-aktar mill-awtoritajiet lokali li normalment huma obbligati li jħejju l-postijiet tal-votazzjoni fiż-żoni rispettivi tagħhom – permezz tat-telefon jew tas-sit web tagħhom. Spiss din l-informazzjoni hija wkoll disponibbli fuq il-paġna tal-istituzzjoni ċentrali li torganizza l-elezzjonijiet jew permezz ta' linja telefonika ta' għajnuna. Xi kultant huwa l-każ, madankollu, li l-proċess biex wieħed jikseb l-informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà ta' post tal-votazzjoni partikolari huwa eċċessivament formali – pereżempju jkollha tintbagħat talba bil-miktub.

21 https://www.youtube.com/watch?v=8vOHkq7ugUA&index=1&list=PLBOD3s07Ie2xrtsEnxJT5gLZ6U5zBHEI

22 https://www.youtube.com/watch?v=482izpHIOqY

23 Eż. https://www.youtube.com/watch?v=S9tStaM5XSQ

6.1.5 Hemm ukoll ħafna eżempji pożittivi fl-UE:

- fil-**Litwanja**, mappa elettronika bil-postijiet tal-votazzjoni mmarkati mfassla apposta għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, u teżisti soluzzjoni simili fil-**Polonja**;
- fl-**Estonja** huwa possibbli li jinkisbu anke tweġibiet tekniċi dettaljati ħafna peress li kull post tal-votazzjoni għandu n-numru tat-telefon tiegħu stess;
- fil-**Ġermanja** n-notifika tal-elezzjoni mibgħuta lill-votanti kollha għandha tinkludi informazzjoni dwar jekk il-post tal-votazzjoni huwiex aċċessibbli jew le u n-numru tat-telefon tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb l-informazzjoni dwar il-postijiet tal-votazzjoni aċċessibbli.

6.1.6 Kummenti

a) L-informazzjoni dwar id-data tal-elezzjonijiet, ir-regoli bażiċi u forom possibbli ta' votazzjoni, kif ukoll l-adattament għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità, għandha tiġi mgħoddija b'mod xieraq li jqis it-tipi differenti ta' diżabilità fost il-votanti, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-bżonnijiet ta' persuni għomja, neqsin mid-dawl u neqsin mis-smigħ u dawk b'diżabilità intellettwali.

b) Meta jfasslu u jikkomunikaw din l-informazzjoni, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jikkooperaw mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilità sabiex jiżguraw li l-informazzjoni tingħata bl-aktar mod effettiv possibbli; il-finanzjament tal-attivitajiet imwettqa minn dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati wkoll mill-awtoritajiet pubbliċi.

c) Il-persuni b'diżabilità ħafna drabi għandhom mobbiltà indipendenti limitata u huma aktar dipendenti fuq l-appoġġ minn dawk ta' madwarhom. Għalhekk huwa importanti ħafna li tingħata informazzjoni direttament f'forma adattata għall-bżonnijiet individwali li jirriżultaw mit-tip ta' diżabilità. Il-midja pubblika u l-internet, għalkemm huma għodod importanti ta' komunikazzjoni, ma jistgħux ikunu l-uniku mezz biex jilħqu lil dawn in-nies.

d) Kull votant fl-UE għandu jkun jista' faċilment isir jaf kemm attwalment huwa aċċessibbli post tal-votazzjoni partikolari għall-persuni b'mobbiltà indipendenti limitata.

e) Huwa importanti ħafna li tkun tista' tinkiseb l-informazzjoni bit-telefon u billi jsiru mistoqsijiet addizzjonali. Punt ta' tħassib huwa n-numru żgħir ta' Stati Membri li bħalissa qed joffru soluzzjoni bħal din, li għandha tkun disponibbli b'mod wiesa'.

f) L-istampi jidhru li huma wieħed mill-aktar modi effettivi biex jipprovdu informazzjoni xierqa lill-persuni b'diżabilità intellettwali. Sfortunatament din l-għodda rarament tintuża fl-Unjoni Ewropea.

## 6.2 Il-votazzjoni fil-post tal-votazzjoni

6.2.1 Il-forma bażika, l-aktar popolari u, f'xi pajjiżi, l-unika forma ta' parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet hija li tivvota f'post tal-votazzjoni. Għalhekk huwa importanti ħafna li dawn il-postijiet ikunu kompletament aċċessibbli għall-persuni b'diżabilitajiet varji u għall-kummissjonijiet elettorali, li huma l-korpi responsabbli għall-proċess ta' elezzjoni fil-postijiet tal-votazzjoni, li jkunu mgħammra u permessi jipprovdu l-assistenza meħtieġa skont il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni. Soluzzjonijiet legali u organizzattivi oħra li jippermettu lil tali votanti jipparteċipaw (eż. vot bil-posta, votazzjoni permezz ta' kaxxa tal-voti mobbli, votazzjoni bi prokura, votazzjoni bikrija f'xi postijiet tal-votazzjoni) jistgħu jitqiesu bħala għażliet komplementari għall-persuni b'diżabilità, imma mhux bħala sostituti għad-dritt tagħhom li jivvutaw personalment f'post tal-votazzjoni fil-jum tal-elezzjoni.

6.2.2 Fi 12-il Stat Membru, il-persuni b'diżabilità mhumiex intitolati li jibdlu l-postijiet tal-votazzjoni – pereżempju, għax jikkunsidraw post tal-votazzjoni ieħor aktar konvenjenti għalihom, minħabba d-diżabilità tagħhom, mill-post tal-votazzjoni assenjat fuq il-bażi tal-post tar-residenza tagħhom. Fortunatament, fi 15-il Stat Membru hemm din il-possibbiltà. Normalment il-proċedura hija sempliċi. Pereżempju:

- fl-**Ungerija**, kulħadd jista' jindika (permezz tas-sit web tal-Uffiċċju Elettorali Nazzjonali, billi jżur l-uffiċċju tal-muniċipalità personalment, jew billi jibgħat talba bil-posta) il-bżonn tiegħu/tagħha għal post tal-votazzjoni aċċessibbli – sa anke biss jumejn qabel l-elezzjoni. Proċedura simili teżisti f'xi pajjiżi oħra, inkluż is-**Slovenja** b'limitu ta' żmien ta' tlett ijiem u d-**Danimarka** b'limitu ta' żmien ta' tmint ijiem;
- fl-**Italja** proċedura bħal din hija possibbli anke fil-jum tal-elezzjoni u, barra minn hekk, l-awtoritajiet lokali jipprovdu trasport lil persuni b'mobbiltà limitata biex iwassluhom sal-post tal-votazzjoni mfassal apposta għall-bżonnijiet tagħhom. It-trasport jiġi pprovdut ukoll fil-**Bulgarija**.
- fil-**Kroazja** u fil-**Polonja**, il-votanti għandhom żewġ għażliet – jistgħu jivvutaw barra mid-domiċilju tagħhom, sakemm isegwu l-proċedura għar-reġistrazzjoni minn qabel (fir-reġistru tal-votanti li jivvutaw barra mid-domiċilju tagħhom) jew jiksbu ċertifikat li jippermettilhom jivvutaw fi kwalunkwe post tal-votazzjoni;
- fis-**Slovakkja**, votant jista' jitlob karta tal-vot fil-muniċipalità tar-residenza permanenti tiegħu/tagħha personalment, anke fl-aħħar jum tax-xogħol qabel il-jum tal-elezzjoni (f'dak il-każ il-karta tingħata lilu/lilha immedjatament) jew permezz ta' ittra jew ittra elettronika mill-anqas 15-il jum tax-xogħol qabel il-jum tal-elezzjoni (f'dak il-każ il-muniċipalità tibgħat il-karta fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba);
- fil-**Litwanja** ġiet implimentata proċedura flessibbli ħafna peress li tista' ssir fil-jum tal-elezzjoni fil-post tal-votazzjoni magħżul mill-votant; il-kummissjoni elettorali jibgħat talba elettronika lill-post tal-votazzjoni assenjat lill-votant fuq il-bażi tal-post tar-residenza u, wara li jirċievi konferma elettronika li l-votant ma vvutax f'xi post tal-votazzjoni ieħor, il-persuna tiġi inkluża fil-lista tal-votanti tal-post tal-votazzjoni li tkun marret fih;
- fin-**Netherlands** ukoll, huwa possibbli li tivvota f'post tal-votazzjoni magħżul liberament;

- fil-**Ġermanja**, kull votant jista' japplika għal karta tal-votazzjoni (Wahlschein), sal-6pm tal-jum ta' qabel tal-aħħar qabel il-jum tal-elezzjoni, u b'din il-karta tal-votazzjoni persuna tkun tista' tivvota fi kwalunkwe post tal-votazzjoni fid-distrett amministrattiv tagħha.

6.2.3 Il-kwistjoni li l-postijiet tal-votazzjoni jiġu adattati għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità hija trattata b'mod differenti ħafna skont il-liġijiet tal-Istati Membri. Ħdax-il pajjiż tal-UE japplikaw il-prinċipju ġenerali li l-postijiet tal-votazzjoni kollha għandhom jiġu adattati. Ħarsa aktar mill-qrib tiżvela, madankollu, li din l-aċċessibbiltà hija mifhuma pjuttost b'mod strett fil-prattika – biss bħala nuqqas ta' ostakli fiżiċi għall-utenti tas-siġġu tar-roti li jaslu fil-post tal-votazzjoni akkumpanjati minn persuni oħra li jistgħu, jekk meħtieġ, jgħinu biex jimbottaw is-siġġu tar-roti. Numru ta' kwistjonijiet oħra ġew injorati, madankollu – bħall-bżonnijiet ta' persuni għomja, l-organizzazzjoni xierqa taż-żoni fejn il-persuni jkunu qed jiċċaqilqu minn post għall-ieħor, u l-iddisinjar u l-preżentazzjoni ta' avviżi uffiċjali murija fil-postijiet tal-votazzjoni. Sitt Stati Membri m'għandhomx regoli dwar l-adattament tal-postijiet tal-votazzjoni għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità. Bosta Stati Membri għamlu l-aċċessibbiltà tal-postijiet tal-votazzjoni bħala regola ġenerali, li għandha titqies meta jiġi deċiż fejn għandhom jiġu stabbiliti l-postijiet tal-votazzjoni.

6.2.4 Xi wħud mill-Istati Membri biss irrikonoxxew b'mod realistiku li ma jistgħux jadattaw għalkollox il-postijiet kollha tal-votazzjoni fi żmien qasir. Fl-istess ħin, huma għarfu l-ħtieġa li jistabbilixxu b'mod speċifiku l-obbligu li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà ta' mill-anqas uħud mill-postijiet tal-votazzjoni, billi introduċew indikaturi kwantitattivi:

- fil-**Polonja**, mill-anqas 50 % tal-postijiet tal-votazzjoni għandhom ikunu aċċessibbli;
- fl-**Awstrija**, għandu jkun hemm mill-anqas post tal-votazzjoni wieħed aċċessibbli għal kull muniċipalità u wieħed f'kull distrett ta' Vjenna;
- fl-**Ungerija** u fl-**Irlanda** għandu jkun hemm mill-anqas post tal-votazzjoni wieħed aċċessibbli f'kull insedjament.
- Fis-26 ta' Novembru 2018, fil-**Litwanja**, il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, il-Forum Litwan dwar id-Diżabilità u l-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet Litwani, iffirmaw ftehim li jiggarantixxi li tal-anqas 50 % tal-postijiet tal-votazzjoni jkunu kompletament aċċessibbli.

6.2.5 Il-postijiet tal-votazzjoni ta' spiss jinsabu f'binjiet pubbliċi (pereżempju skejjel, istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, uffiċċji tal-amministrazzjoni lokali), li huma disponibbli għall-finijiet ta' elezzjoni mingħajr ħlas. Sfortunatament, ħafna minnhom jinsabu f'binjiet qodma, mhux adattati għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. Instabet soluzzjoni interessanti fil-**Litwanja**[24]. Jekk ma jkunx possibbli li l-postijiet tal-votazzjoni jiġu adattati u mgħammra biex jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, għandhom jinkrew postijiet adatti għall-postijiet tal-votazzjoni u l-ispiża tkun koperta mill-baġit tal-Istat.

6.2.6 Spiss jiġri li l-votant, bħala persuna b'diżabilità, ikun jixtieq li jiġi akkumpanjat fil-post tal-votazzjoni minn xi ħadd tal-għażla tiegħu/tagħha li jkun jista' jassistih f'tal-anqas xi attivitajiet relatati mal-votazzjoni, inkluż il-ġbir tal-karta tal-vot, l-immarkar jew l-għażla fuq il-karta tal-

24 Bidliet reċenti fil-Liġi dwar l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, effettivi fl-1 ta' Lulju 2019.

vot, u biex jitfa' l-karta tal-vot fil-kaxxa tal-voti. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, din l-għajnuna hija permessa u r-regoli f'dan il-qasam huma flessibbli ħafna. L-għażla ta' assistent mill-votant ġeneralment hija vinkolanti u ma tista' tiġi kkontestata minn ħadd. Ir-restrizzjoni l-iktar komuni hija li membru ta' kummissjoni elettorali ma jistax jieħu r-rwol ta' assistent. Madankollu, fl-**Iżvezja**, fil-**Lussemburgu**, fid-**Danimarka** u fil-**Ġermanja** pereżempju, il-votanti jistgħu' jinnominaw ukoll membru ta' tali kummissjoni bħala l-assistent tagħhom, fil-**Finlandja** jistgħu jaħtru kemm membru tal-kummissjoni kif ukoll l-hekk imsejjaħ assistent elettorali preżenti f'kull post tal-votazzjoni, fl-**Ungerija** l-votant jista' jkun assistit jew minn persuna magħżula liberament jew minn żewġ membri tal-kummissjoni li jaġixxu flimkien.

6.2.7 Ħafna pajjiżi m'għandhom l-ebda limitu tal-età u għalhekk l-assistenza tista' tingħata wkoll minn xi ħadd li għadu mhux eliġibbli biex jivvota (eż. it-tfal jew in-neputijiet tal-votant). Dan huwa l-każ, pereżempju, fi **Franza**, fil-**Belġju**, fil-**Polonja,** fil-**Ġermanja**, fl-**Iżvezja**, fl-**Awstrija** u fil-**Litwanja**. Ħafna pajjiżi jirrikjedu, madankollu, li l-assistent ikun eliġibbli biex jivvota (u għalhekk li huma jissodisfaw il-limitu tal-età), u anke li għandhom id-dritt li jivvutaw f'dak il-post tal-votazzjoni speċifiku. Dan joħloq diffikultajiet għall-votanti u f'xi każijiet jista' jipprevjenihom milli jivvutaw. Kultant, il-kummissjoni elettorali tkun meħtieġa tivvaluta jekk l-assistent innominat mill-votant b'diżabilità hux se jkun kapaċi jipprovdi l-assistenza jew jekk il-votant speċifiku fil-fatt jeħtieġx l-għajnuna tal-assistent. Fi Stat Membru wieħed il-votanti għandhom l-ewwel jieħdu ġurament li fil-fatt huma għomja u jeħtieġu assistent. Il-liġi tispeċifika t-test tal-ġurament u wkoll is-sett ta' mistoqsijiet dettaljati għall-assistent magħżula. Il-proċedura kollha għandha titlesta sa sagħtejn qabel il-ħin meta jagħlaq il-post tal-votazzjoni, inkella l-vot ma' assistent jista' jiġi miċħud. Dawn ir-rekwiżiti, kif ukoll ir-regoli dwar it-tip ta' diżabilità li tintitola lill-votant għall-għajnuna ta' assistent (eż. il-persuni għomja biss) u t-talbiet lill-votanti (prinċipalment dawk b'diżabilità viżwali) biex jippreżentaw ċertifikat mediku li jiddikjara li mhumiex kapaċi jivvutaw b'mod indipendenti u li jeħtieġu l-għajnuna, għandhom jitqiesu mhux iġġustifikati. L-istess japplika għall-obbligu li l-assistent li jakkumpanja l-persuna b'diżabilità jiġi rreġistrat minn qabel.

6.2.8 Hemm dubji dwar regola applikata f'żewġ pajjiżi, skont liema l-membri tal-kummissjoni elettorali biss huma awtorizzati li jwettqu l-kompiti ta' assistent. Dan imur kontra l-prinċipju ta' votazzjoni sigrieta, b'mod partikolari f'komunitajiet żgħar fejn kulħadd jaf lil kulħadd, u jista' jiskoraġġixxi lin-nies milli jieħdu sehem fl-elezzjonijiet.

6.2.9 Fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri huwa obbligatorju li jintuża post indikat (eż. kabina tal-votazzjoni) sabiex l-għażla ssir liberament fuq il-karta tal-vot. Madankollu, f'ħafna mill-każijiet, din ir-regola mhix osservata b'mod restrittiv. Hemm approċċ simili flessibbli għar-rekwiżit li l-kabini tal-votazzjoni jistgħu jintużaw biss minn persuna waħda kull darba, l-aktar flimkien mal-assistent tiegħu jew tagħha.

6.2.10 Fis-**Slovakkja**, jekk il-post tal-votazzjoni ma jkunx aċċessibbli għal xi ħadd b'diżabilità, il-karta tal-vot u l-kaxxa tal-voti jinġiebu barra l-post tal-votazzjoni biex dik il-persuna tkun tista' tivvota. Fil-**Belġju**, votant jista' juża kabina tal-votazzjoni adattata apposta għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità, imqiegħda f'żona aċċessibbli, anke jekk tkun tinsab barra l-post tal-votazzjoni. Fil-**Kroazja**, il-membri tal-kumitat elettorali jtellgħu l-polza tal-vot barra mill-post u jagħtuha lill-persuna li ma tkunx tista' taċċessa l-post tal-votazzjoni, jieħdu l-karta tal-vot

mitwija bl-għażla mmarkata li tkun tqiegħdet f'envelopp minn dik il-persuna, u fl-aħħar nett, jeħduha ġewwa l-post tal-votazzjoni, ineħħu l-polza tal-vot mill-envelopp u jqiegħduha fil-kaxxa tal-voti.

6.2.11 Il-kwistjoni tal-organizzazzjoni tal-postijiet tal-votazzjoni fi Stati Membri differenti, inklużi l-kabini tal-votazzjoni, tqajjem ħafna tħassib. L-ebda Stat Membru tal-UE ma implimenta soluzzjonijiet komprensivi biex jiġi standardizzat il-mod li bih il-postijiet tal-votazzjoni jiġu mgħammra u jitmexxew b'mod li jkunu jistgħu jitqiesu li huma faċli għall-utent għall-votanti kollha. Madankollu, fil-**Polonja**, pereżempju, hemm regoli dettaljati ħafna li jistabbilixxu l-istandards li għandhom jintlaħqu mill-postijiet tal-votazzjoni li huma rikonoxxuti uffiċjalment bħala li huma aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Sadanittant, fil-**Belġju**, ġiet imfassla gwida dettaljata għall-awtoritajiet lokali qabel kull elezzjoni dwar kif għandhom iħejju l-postijiet tal-votazzjoni. Dawn l-istruzzjonijiet huma ppubblikati fuq l-internet, sabiex ikunu disponibbli b'mod wiesa' għall-votanti wkoll. Dawn jispeċifikaw, fost affarijiet oħra, id-daqs tat-tipa tal-avviżi, il-wisa' minimu tal-kurituri, l-inklinazzjoni ta' rampi u ta' żoni quddiem il-postijiet tal-votazzjoni, it-tħejjija ta' żoni ta' parkeġġ quddiem il-postijiet tal-votazzjoni, u d-dimensjonijiet tal-kaxex tal-voti[25].

6.2.12 Żball komuni ħafna huwa n-nuqqas ta' kunċett għaż-żona li fiha n-nies ikunu qed jiċċaqilqu minn post għall-ieħor, u għalhekk in-nuqqas ta' ħsieb fir-rigward il-postijiet tal-istadji tal-votazzjoni sussegwenti fil-post tal-votazzjoni (il-post tar-reġistrazzjoni tal-votanti u l-wasla tal-karti tal-vot, il-kabini tal-votazzjoni u l-kaxex tal-voti). Dan ifisser li l-votanti ħafna drabi jkollhom jgħaddu minn ħdejn xulxin fi spazji żgħar, u dan huwa ta' piż mhux biss għall-persuni b'diżabilità.

6.2.13 Uħud mill-aktar diffikultajiet frekwenti jinkludu: kabini tal-votazzjoni żgħar wisq, diffikultajiet kbar fl-użu tagħhom minn utenti tas-siġġu tar-roti (pereżempju, ħafna drabi jkollhom ineħħu siġġu biex iressqu s-siġġu tar-roti sal-mejda), nuqqas ta' għażla ta' kif timtela l-karta tal-vot (bilqiegħda jew bilwieqfa), imwejjed żgħar wisq biex timtela l-karta tal-vot fuqhom (pereżempju, ġeneralment l-uniku post fejn il-votant ikun jista' jqiegħed il-basket tiegħu/tagħha huwa fl-art), il-post fejn jinsab ix-xaqq fil-kaxxa tal-voti b'mod li jimpedixxi lil xi votanti b'diżabilità milli jdaħħlu l-vot tagħhom b'mod indipendenti.

6.2.14 Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi r-regoli huma flessibbli fir-rigward ta' kif jiddaħħlu l-karti tal-vot fil-kaxxa tal-voti. Il-karta tal-vot tista' titqiegħed fil-kaxxa tal-voti mhux biss minn votant, imma wkoll minn persuna oħra nominata minnhom. Dan spiss isir mit-tfal meta l-familja kollha tmur fil-post tal-votazzjoni. Fir-**Repubblika Ċeka,** fil-**Ġermanja** jew fil-**Greċja**, pereżempju, kwalunkwe membru tal-kummissjoni jista' jipprovdi wkoll għajnuna, anke jekk mhuwiex assistent, u fil-**Portugall** il-karta tal-vot dejjem tingħata lura lir-rappreżentant tal-kummissjoni elettorali li jqegħidha fil-kaxxa tal-voti. Madankollu, hemm tħassib dwar il-prinċipju tal-kuntatt finali, jiġifieri l-prattika f'żewġ pajjiżi li jirrikjedi li l-votant – anke dawk b'diżabilità – ikun l-aħħar persuna li tmiss il-karta tal-vot qabel ma titqiegħed fil-kaxxa tal-voti.

---

25 Vlaanderenkiest - Toegankelijke verkiezingen: een overzicht

6.2.15 L-aċċess għall-informazzjoni fil-post tal-votazzjoni huwa aspett importanti tal-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Il-liġi nazzjonali tiddefinixxi preċiżament il-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni disponibbli fil-postijiet tal-votazzjoni u tillimitah għal żewġ kwistjonijiet – informazzjoni bażika u uffiċjali dwar il-kandidati kollha u struzzjonijiet dwar kif tivvota. Ħafna drabi l-persuni b'diżabilità jingħataw spjegazzjonijiet orali minn membri tal-kummissjoni elettorali, li tippermetti li t-tħassib jiġi ttrattat malajr u l-informazzjoni tiġi mgħoddija b'mod li jkun adattat għall-bżonnijiet tal-votant speċifiku. Jistgħu jinqalgħu diffikultajiet meta l-persuna li tkun teħtieġ il-kjarifika tkun nieqsa mis-smigħ u tuża l-lingwa tas-sinjali, peress li fi ftit Stati Membri biss huwa possibbli li tagħmel użu minn interpretu tal-lingwa tas-sinjali disponibbli onlajn.

6.2.16 Ħafna drabi fil-postijiet tal-votazzjoni jintwerew avviżi uffiċjali li jkunu nħarġu mill-korp nazzjonali li jkun qed iwettaq l-elezzjonijiet. Żball komuni huwa l-wiri ta' avviżi bħal dawn f'livell ta' għoli inkonvenjenti, jiġifieri, pereżempju b'tali mod li ma jkunux jistgħu jinqraw mill-utenti tas-siġġu tar-roti. Għalkemm fil-**Polonja**, pereżempju, ir-regoli jistipulaw b'mod espliċitu ħafna li l-informazzjoni għandha tkun tista' tinqara minn kulħadd.

6.2.17 Ċerti pajjiżi qed jintroduċu wkoll soluzzjonijiet addizzjonali għal persuni b'diżabilità speċifika, disponibbli fil-postijiet tal-votazzjoni:

- fi **Spanja**, il-fuljetti ta' tagħrif faċli biex jinqraw dwar l-elezzjonijiet u l-aċċessibbiltà disponibbli fuq is-sit web tal-elezzjoni huma wkoll stampati u mibgħuta f'kull post tal-votazzjoni – dawn il-fuljetti huma ddisinjati għal kull elezzjoni mill-Ministeru tal-Intern b'kooperazzjoni mal-assoċjazzjonijiet prinċipali tal-persuni b'diżabilità;
- fil-**Litwanja**, il-fuljetti maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali b'informazzjoni bil-miktub dwar kif tivvota, maħruġa wkoll bil-Braille, huma disponibbli fil-postijiet tal-votazzjoni;
- f'**Malta**, il-liġi tistipula li kull post tal-votazzjoni għandu jkun mgħammar b'apparat tal-awdjo u mudell bil-Braille li jelenka l-kandidati u l-partiti li jinsabu fuq il-karta tal-vot;
- fil-**Portugall** u fl-**Irlanda**, kopja mkabbra tal-karta tal-vot hija tinsab f'kull post tal-votazzjoni;
- f'xi Stati Membri (eż. l-**Iżvezja**, il-**Belġju**, in-**Netherlands**), il-votanti jistgħu jużaw lenti li tiġi pprovduta f'kull post tal-votazzjoni.

6.2.18 Kummenti

a) Minkejja r-regoli eżistenti, il-maġġoranza vasta tal-postijiet tal-votazzjoni fl-UE mhumiex adattati għalkollox jew b'mod ġenerali għall-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilitajiet differenti u dan ma jistax jiġi kkoreġut malajr. Għalhekk, l-aħjar rimedju għal din is-sitwazzjoni għalissa huwa li l-votanti b'diżabilità jitħallew ibiddlu l-postijiet tal-votazzjoni, jekk il-post tal-votazzjoni jkun ġie magħżul b'konnessjoni mal-post tar-residenza. Il-proċedura amministrattiva li twassal għal bidla bħal din għandha tkun sempliċi u rapida.

b) Il-votanti kollha b'diżabilità għandhom ikunu ħielsa li jagħżlu l-persuna li tgħinhom waqt l-elezzjonijiet fil-post tal-votazzjoni. Il-kondizzjonijiet addizzjonali għal dawn l-assistenti f'ħafna pajjiżi ma jidhrux ġustifikati.

c) Ħafna pajjiżi introduċew arranġamenti interessanti u prattiki li jipprovdu lill-votanti b'diżabilitajiet differenti aċċess tajjeb għall-informazzjoni fil-postijiet tal-votazzjoni. L-aktar importanti minn dawn, li jistgħu jiġu introdotti wkoll malajr, huma kif ġej: il-wiri ta' avviżi uffiċjali u kopji tal-karti tal-vot f'daqsijiet xierqa u f'għoli li jippermettilhom jinqraw faċilment; jagħmlu l-informazzjoni disponibbli bil-Braille għall-persuni għomja; il-possibbiltà li jintuża interpretu tal-lingwa tas-sinjali onlajn.

d) Huwa ta' importanza kbira li jitfasslu prinċipji dettaljati ħafna (fil-forma ta' regoli legali jew struzzjonijiet għall-awtoritajiet lokali u l-kummissjonijiet elettorali) li jispeċifikaw il-faċilitajiet tal-kummissjonijiet elettorali u kif ix-xogħol tagħhom huwa organizzat. Dawk ir-regoli għandhom jispeċifikaw, fost affarijiet oħra, l-istruttura taż-żoni li fihom in-nies jistgħu jiċċaqilqu mingħajr xkiel; id-daqs, il-post u l-faċilitajiet tal-kabini tal-votazzjoni; l-aċċessibbiltà tal-kaxxa tal-voti; kif ukoll l-arranġamenti ta' parkeġġ u l-aċċess għall-post tal-votazzjoni.

6.3 Il-karta tal-vot

6.3.1 Il-mod kif jintefgħu l-voti fl-elezzjonijiet għall-PE jvarja ħafna madwar l-UE. Spiss huwa wieħed mill-fatturi li jiddetermina l-possibbiltà attwali għall-persuni b'diżabilità li jivvutaw b'mod indipendenti. Xi kultant ikun il-każ li d-disinn tal-karta tal-vot u l-forma meħtieġa tal-votazzjoni huma ostaklu li ma jistax jingħeleb u l-votazzjoni tkun tirrikjedi l-għajnuna ta' persuna oħra, li lilha għandha tiġi żvelata l-għażla tal-votazzjoni.

6.3.2 Fejn is-sistema elettorali tistipula li votant għandu jwettaq xi tip ta' attività u, barra minn hekk, xorta jista' jwettaq xi attività oħra (eż. għandhom jindikaw partit politiku u, barra minn hekk, jistgħu, imma mhux bilfors, jindikaw il-kandidat preferut tagħhom), is-sistema għandha toħloq possibbiltajiet għall-votanti b'diżabilità biex jeżerċitaw id-drittijiet kollha tagħhom.

6.3.3 L-attivitajiet fl-Istati Membri li l-votanti għandhom iwettqu sabiex jivvutaw jistgħu jinqasmu fi tliet tipi:

- jagħmlu xi tip ta' marka fuq il-karta tal-vot f'post magħżul speċifikament ("x", "+", "v", jimlew kaxxa, jagħmlu ċirku madwar numru);
- jagħżlu kard waħda minn grupp ta' kards li jinkludu l-ismijiet tal-partiti politiċi;
- jiktbu xi ħaġa fuq il-karta tal-vot (numru, isem jew kunjom).

6.3.4 Meta jitqiesu dawn it-tipi ta' azzjonijiet tal-votanti, l-Istati Membri jistgħu jiġu kategorizzati kif ġej:

- pajjiżi fejn il-votazzjoni tikkonsisti f'li ssir marka (eż. "x", "+"), li jsir ċirku madwar numru jew li timtela kaxxa partikolari f'post wieħed jew aktar fuq il-karta tal-vot (li tindika jew partit jew kandidat speċifiku, jew kandidati minn lista ta' partit): l-**Awstrija**, il-**Belġju**, il-**Bulgarija**, il-**Kroazja**, **Ċipru**, id-**Danimarka**, il-**Ġermanja**, l-**Ungerija**, il-**Lussemburgu**, in-**Netherlands**, il-**Polonja**, il-**Portugall**, ir-**Rumanija** u s-**Slovenja**;

- pajjiżi fejn il-votant l-ewwel jagħżel kard bl-isem tal-partit mill-pakkett li jkunu rċevew, imbagħad jindikaw fuqha l-għażla tal-kandidat jew tal-kandidati tagħhom billi jagħmlu marka (eż. "x" jew "+") jew jimlew kaxxa partikolari: ir-**Repubblika Ċeka**, il-**Greċja**, il-**Latvja**, is-**Slovakkja**;
- pajjiżi fejn il-votazzjoni tikkonsisti f'li ssir marka ħdejn l-isem ta' partit politiku, iżda l-votant għandu jew jista' wkoll idaħħal numru jew kunjom ta' kandidat speċifiku (jew kandidati): l-**Italja**, il-**Litwanja**;
- pajjiżi fejn il-votazzjoni tikkonsisti f'li tinkiteb l-għażla fuq il-karta tal-vot (isem tal-partit, numru jew kunjom ta' kandidat partikolari): il-**Finlandja** u l-**Estonja**;
- pajjiżi fejn il-votanti ma jagħmlu l-ebda marka jew ma jdaħħlu xejn fuq il-karta tal-vot – mill-pakkett li jirċievu, jagħżlu kard bl-isem tal-partit u jpoġġuha fil-kaxxa tal-voti: **Franza** u **Spanja**;
- pajjiżi fejn numri li jindikaw preferenzi jiddaħħlu f'kaxxi ħdejn il-kunjomijiet tal-kandidati: **Malta** u l-**Irlanda**;
- pajjiż b'sistema kkumplikata tal-karti tal-vot: l-**Iżvezja** (l-għażla hija bejn tliet karti ta' kuluri differenti u mbagħad, skont il-karta speċifika hemm ukoll, imma mhux dejjem, il-possibbiltà li timmarka kaxxa jew li tikteb l-isem ta' partit jew ta' kandidat).

6.3.5 Għall-votanti li jirċievu karta tal-vot bl-ismijiet stampati tal-kandidati u l-ismijiet tal-partiti politiċi, id-daqs tal-karattri u tal-karti tal-vot huwa importanti ħafna. Id-daqs tat-tipa u ħafna drabi d-daqs tal-karta tal-vot ukoll huma ġeneralment iddeterminati mill-korp responsabbli mill-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet. Madankollu, hemm ukoll pajjiżi fejn id-dimensjonijiet tal-karta huma ddeterminati mil-liġi. Hawnhekk hemm differenzi kbar bejn il-pajjiżi tal-UE, li jvarjaw minn format A4 għal formati saħansitra akbar minn A2. Ir-regoli fil-**Belġju** huma interessanti ħafna, li jikkonċernaw esklussivament it-tul tal-karta tal-vot, li skont ir-reġjun jista' jkun ta' 36 jew 72 ċm, filwaqt li **Ċipru** ddeċieda li d-daqs massimu tal-karta tal-vot għandu jkun 16x70 ċm. Fil-**Bulgarija**, jitħejja ktejjeb speċjali fil-każ ta' lista twila ta' kandidati.

6.3.6 L-aktar forma popolari, u fl-istess ħin l-aktar sempliċi, tal-votazzjoni fl-elezzjonijiet tal-PE hija li jitqiegħed "x" jew simili f'kaxxa ħdejn l-isem tal-kandidat jew l-isem tal-partit politiku. Din is-soluzzjoni tintuża fi 12-il pajjiż, f'żewġ pajjiżi din il-kaxxa għandha timtela, u f'żewġ pajjiżi oħra l-"x" jitqiegħed ħdejn l-isem jew il-kunjom mingħajr post speċifikat apposta għalih.

6.3.7 Modi oħra kif tiġi mmarkata l-għażla jinkludu t-tpinġija ta' ċirku madwar in-numru ta' referenza tal-kandidat (is-**Slovakkja**, is-**Slovenja**) jew li ssir marka ħdejn l-isem tal-kandidat bl-użu ta' timbru miksub mill-kummissjoni elettorali (ir-**Rumanija**). Fil-**Lussemburgu**, li tpinġi ċirku jew li tqiegħed "x" (jew simili) fil-parti ta' fuq tal-karta tal-vot hija meqjusa bħala approvazzjoni tal-lista kollha, għalkemm il-votant huwa intitolat ukoll li jaqsam is-sitt voti tiegħu bejn il-kandidati ppreferuti tiegħu; kandidat wieħed jista' jirċievi massimu ta' żewġ voti (indikat billi jitqiegħdu żewġ sinjali "x" ħdejn l-isem).

6.3.8 Il-leġislazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ġeneralment tapplika approċċ flessibbli ħafna għall-kwalità tal-marki mqiegħda fuq il-karta tal-vot, għalkemm fil-**Polonja**, pereżempju, iż-żewġ linji tal-"x" għandhom jiltaqgħu ġewwa l-kaxxa apposta jekk il-vot għandu jkun meqjus bħala validu. F'ħafna pajjiżi, huwa rikonoxxut, madankollu, li jekk ma jkun hemm l-ebda dubju

dwar l-intenzjonijiet tal-votant, allura m'hemmx bżonn li jinħolqu regoli formali żżejjed li taħthom, pereżempju, il-vot jitqies bħala invalidu jekk l-intersezzjoni taż-żewġ linji mhijiex preċiża jew jekk iċ-ċirku mhux komplut. Fil-**Portugall**, pereżempju, il-vot huwa kkunsidrat jekk jindika biċ-ċar ir-rieda tal-votant, anke jekk il-marka mqiegħda mill-votant mhijiex perfetta jew tinsab barra l-kaxxa.

6.3.9 Il-kwistjoni tal-validità ta' vot hija marbuta mad-disponibilità ta' mezzi tekniċi li jippermettu lill-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari persuni neqsin mid-dawl u b'vista batuta u persuni b'kapaċità manwali limitata, li jitfgħu l-vot tagħhom b'mod indipendenti u biċ-ċertezza li l-voti tagħhom se jiġu rikonoxxuti u magħduda kif xieraq. F'seba' Stati Membri l-votant jista' jirċievi kopertura speċjali fuq il-karta tal-vot li tindika preċiżament il-post fejn għandha ssir il-marka xierqa[26]. Madankollu, f'xi wħud minnhom ma hemm l-ebda sinjali bil-Braille, u dan jagħmilha diffiċli ħafna biex il-persuni neqsin mid-dawl jivvutaw b'mod indipendenti. F'pajjiżi oħra tali soluzzjonijiet huma nieqsa għal persuni għomja u neqsin mid-dawl u għal dawk li għandhom diffikultà biex jiktbu b'mod ċar, li jfisser li jkollhom jiddependu fuq l-appoġġ tal-qraba/ħbieb mill-qrib tagħhom meta jivvutaw.

6.3.10 Żewġ Stati Membri biss (**Spanja** u l-**Iżvezja**) minn fost seba' pajjiżi fejn il-votant jagħżel kard bl-isem tal-partit politiku (kumitat elettorali) minn pakkett ta' kards li jkun fihom l-ismijiet tal-partiti kollha (bħala l-uniku jew l-ewwel stadju tal-proċedura tal-votazzjoni), implimentaw arranġamenti li jippermettu lil persuni għomja jsibu l-kard xierqa b'mod indipendenti – il-kards huma ssiġillati f'envelops immarkati bil-Braille, li jippermettu li l-kard xierqa titneħħa faċilment.

6.3.11 F'seba' Stati Membri, il-votanti jiktbu fuq il-karta tal-vot in-numru ta' reġistrazzjoni jew l-isem tal-kandidat magħżul jew l-isem tal-partit li għalih qed jivvutaw. Din is-soluzzjoni toħloq diffikultajiet serji għal ħafna nies, u żżid ir-riskju li l-voti tagħhom jiġu ddikjarati invalidi minħabba l-kalligrafija li ma tinqarax (ħafna drabi minħabba d-diżabilità), il-preferenzi tagħhom għal kandidati partikolari ma jiġux ikkunsidrati, jew il-voti tagħhom biss għal partiti politiċi speċifiċi jingħaddu. Fil-każ ta' Stat Membru wieħed, kwalunkwe marka jew kelma oħra, barra min-numru ta' reġistrazzjoni tal-kandidat, jikkawża li l-polza tal-vot tiġi ttrattata bħala nulla u bla effett. Fost dawn l-Istati Membri, **Malta** biss tipprovdi assistenza lil persuni li huma neqsin mid-dawl – mudell bil-Braille u tagħmir awdjo jistgħu jkunu disponibbli fuq talba, imma l-ebda avviż minn qabel mhuwa meħtieġ u jekk il-persuna xorta ma tkunx tista' tivvota, l-assistenti elettorali se jgħinu, skont il-bżonn; iż-żona tal-kabini tal-votazzjoni tkun magħluqa għal nies oħra waqt li tkun qed tingħata l-għajnuna.

6.3.12 F'xi Stati Membri, il-votazzjoni ma tikkonsistix f'azzjoni waħda sempliċi; il-votant għandu diversi għażliet differenti li jistgħu jkunu diffiċli biex jinftiehmu. Fil-**Litwanja** huwa possibbli li jintgħażlu minn żero sa ħames kandidati ppreferuti; fis-**Slovakkja** huwa possibbli li jintgħażlu sa żewġ kandidati; fil-**Lussemburgu** l-votant għandu numru speċifiku ta' voti li jistgħu jingħataw lill-kandidati, u persuna waħda tista' anke tingħata żewġ voti; f'**Malta** tiġi indikata ġerarkija ta' preferenza għal massimu ta' ħames kandidati; u fl-**Iżvezja** l-votant għandu l-ewwel jagħżel waħda minn tliet karti tal-vot u mbagħad jipproċedi b'diversi modi skont il-karta

26 Fl-Irlanda wkoll, dawn il-koperturi huma disponibbli iżda biss matul referendum u l-elezzjonijiet presidenzjali.

magħżula, u barra minn hekk, f'ċirkostanzi speċjali mhux biss huwa possibbli li jintgħażel kandidat preferut mil-lista imma wkoll li jinkiteb l-isem ta' persuna mhux inkluża fil-lista. Il-gwidi ta' informazzjoni pprovduti mill-awtoritajiet f'dawn il-pajjiżi jippruvaw jispjegaw l-effetti tal-użu tal-għażliet individwali disponibbli għall-votanti. Fl-**Iżvezja**, li għandha l-aktar sistema kkumplikata, hemm kartelluni bi stampi li jispjegaw pass pass kif tivvota.

6.3.13 Kummenti

a) Għal votanti b'diżabilità, l-aspett tekniku tal-votazzjoni huwa importanti daqs l-aċċess għall-informazzjoni jew l-aċċess għall-post tal-votazzjoni. L-aktar soluzzjoni konvenjenti hija li ssir għażla billi jitqiegħed "x" jew simili f'kaxxa kbira biżżejjed. Għall-persuni għomja u neqsin mid-dawl, u għal dawk li jsibuha diffiċli li jiktbu b'pinna b'mod ċar, koperturi speċjali għall-karti tal-vot, kemm immarkati bl-użu tal-Braille kif ukoll b'test li jinqara faċilment (eż. in-numri ta' referenza biss tal-kandidati) huma soluzzjoni tajba ħafna. Madankollu, il-votazzjoni bit-tpinġija ta' ċirku, eż. madwar in-numru ta' referenza tal-kandidat, toħloq ostaklu ewlieni għall-votanti b'użu limitat ta' idejhom.

b) Jekk il-votant jagħżel kard bl-isem ta' partit politiku mill-pakkett tal-kards li jkunu rċevew, it-tipa fuq il-kards tal-partiti individwali għandha tkun kbira biżżejjed u l-kards kollha għandhom jiġu stampati wkoll bil-Braille jew ikunu disponibbli f'envelops immarkati bil-Braille sabiex il-persuni għomja jkunu jistgħu jagħżlu l-kard it-tajba.

c) Il-votazzjoni bil-kitba tan-numru jew l-isem tal-kandidat jew l-isem tal-partit fuq il-karta tal-vot hija ta' piż u toħloq ir-riskju li l-vot jiġi ddikjarat invalidu. Għalhekk, irrispettivament mit-tradizzjonijiet elettorali ta' pajjiż, ta' min jikkunsidra li jibdel din ir-regola.

d) Għall-persuni b'diżabilità intellettwali, l-informazzjoni dwar il-proċeduri tal-votazzjoni għandha tiġi adattata kif xieraq. L-aħjar approċċ huwa li jkollok test b'sentenzi sempliċi jew struzzjonijiet grafiċi. Dan huwa partikolarment importanti f'pajjiżi bi proċess ikkumplikat ta' votazzjoni, li jinvolvi lill-votant jieħu numru ta' deċiżjonijiet u jwettaq attivitajiet relatati. Mhux biss il-passi li jmiss fil-proċess għandhom jiġu spjegati lil dawk il-votanti, iżda wkoll il-konsegwenzi tagħhom.

6.4 Votazzjoni bikrija – qabel il-jum uffiċjali tal-elezzjoni, f'postijiet tal-votazzjoni magħżula

6.4.1 Għaxar Stati Membri joffru, tal-inqas għal ċerti gruppi ta' votanti, il-possibbiltà li jivvutaw minn qabel billi jidhru personalment f'post tal-votazzjoni magħżul – normalment fil-bini tal-awtoritajiet lokali. Dawn il-postijiet tal-votazzjoni jinsabu f'postijiet imfassla apposta għall-bżonnijiet tal-persuni b'mobbiltà indipendenti limitata.

6.4.2 Fi tmien pajjiżi, dan id-dritt japplika għaċ-ċittadini kollha, filwaqt li fit-tnejn li jifdal, hemm gruppi partikolari ta' ċittadini li jitħallew jivvutaw minn qabel. Id-diżabilità mhijiex ġustifikazzjoni għal votazzjoni bikrija; madankollu persuni fi sptar jew li huma mistennija li jkunu fi sptar fil-jum tal-elezzjoni jitħallew jivvutaw minn qabel.

6.4.3 Fil-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi, il-votazzjoni bikrija ma teħtieġx li l-votanti jwettqu xi kompitu amministrattiv. F'ċerti pajjiżi, madankollu, jeħtieġ li tirreġistra minn qabel għal votazzjoni bikrija. Huma sempliċement imorru fil-post tal-votazzjoni waqt il-ħinijiet tal-ftuħ. Fil-**Finlandja**, il-votazzjoni bikrija sseħħ, fost postijiet oħra, fil-postijiet tal-votazzjoni stabbiliti fl-isptarijiet u fl-istituzzjonijiet tal-kura fit-tul.

6.4.4 Kummenti

a) Il-votazzjoni bikrija tista' tkun mod effettiv biex tgħin lill-persuni b'diżabilità jieħdu sehem fl-elezzjonijiet. Peress li dan iseħħ matul tal-anqas ftit jiem, huwa aktar faċli għall-awtoritajiet lokali biex jirranġaw it-trasport biex iwasslu lin-nies f'dawn il-postijiet tal-votazzjoni.

b) Fl-istituzzjonijiet tal-kura fit-tul, huwa aktar faċli li torganizza tali votazzjoni f'jum tax-xogħol, peress li ġeneralment ikun hemm aktar impjegati jaħdmu milli nhar ta' Ħadd, il-jum tradizzjonali tal-elezzjonijiet f'ħafna mill-pajjiżi.

6.5 Vot bil-posta

6.5.1 F'xi Stati Membri, il-votanti li jgħixu fil-pajjiż tal-votazzjoni jistgħu jiksbu l-karta tal-vot minn qabel (qabel il-jum tal-elezzjoni) biex ikunu jistgħu jimlewha huma personalment u mbagħad jibagħtuha bil-posta/b'kurrier jew titwassal lill-kummissjoni elettorali minn persuna oħra (li ma tkunx membru ta' dik il-kummissjoni). Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, dawn it-tipi ta' votazzjoni kollha jissejħu vot bil-posta.

6.5.2 Fi **Spanja**, fil-**Lussemburgu** u fil-**Ġermanja**, iċ-ċittadini kollha jistgħu jivvutaw bil-posta. Fl-**Awstrija**, fl-**Irlanda**, fil-**Polonja**, fis-**Slovenja** u fl-**Iżvezja** din il-forma ta' votazzjoni hija permessa għal gruppi ta' persuni definiti b'mod strett li ma jistgħux imorru fil-post tal-votazzjoni fil-jum tal-elezzjoni, inklużi l-persuni b'diżabilità.

6.5.3 Fid-**Danimarka** hemm sistema mħallta li tinkorpora elementi ta' vot bil-posta. Hemm skop wiesa' għall-votazzjoni bikrija – minn tliet ġimgħat sa jumejn – f'postijiet tal-votazzjoni magħżula. Fil-każ ta' persuni li ma jistgħux imorru fil-post tal-votazzjoni, il-votazzjoni bikrija tieħu l-forma wkoll ta' vot bil-posta. F'istituzzjonijiet bħal sptarijiet u djar tal-kura, il-maniġment jiġbor il-karti tal-vot sikuri kif xieraq mingħand il-persuni li joqogħdu f'dawk l-istituzzjonijiet u jibgħathom lill-kummissjoni elettorali. L-uffiċjali elettorali speċjali jittrattaw ir-riċeviment tal-karti tal-vot mimlija mingħand persuni b'diżabilità fid-djar tagħhom.

6.5.4 F'pajjiżi fejn il-votanti għandhom jiddikjaraw ix-xewqa tagħhom li jivvutaw bil-posta biex jiksbu l-karta tal-vot, għandhom jiġu applikati proċeduri faċli għall-utent – il-formola dejjem tintbagħat lil uffiċċju (mhux neċessarjament personalment mill-votant), u xi pajjiżi jaċċettaw ukoll l-applikazzjoni mibgħuta bil-posta, formola mimlija onlajn, jew saħansitra telefonata. Ħafna drabi, il-karti tal-vot jintbagħtu bla ħlas fl-indirizz tad-dar; fl-**Irlanda** u fi **Spanja** jistgħu jinġabru minn uffiċċji magħżula. Fi **Spanja**, persuna b'diżabilità li ma tistax tmur l-uffiċċju postali biex titlob il-vot bil-posta jew biex tiġbor il-karta tal-vot tista' titlob lil nutar pubbliku li, mingħajr ħlas, joħroġ prokura sabiex il-persuna maħtura mill-votant b'diżabilità tkun tista'

twettaq ir-rekwiżiti tal-vot bil-posta. Fil-**Ġermanja**, il-votanti b'diżabilità jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-awtoritajiet pubbliċi biex jiksbu d-dokumenti meħtieġa biex jitfgħu l-vot tagħhom bil-posta.

6.5.5 Il-karti tal-vot mimlija mill-votanti jintbagħtu bla ħlas (bil-posta jew bil-kurrier). Fl-**Iżvezja**, l-envelopp li jkun fih il-karta tal-vot kompluta jinġabar mingħand il-votant minn rappreżentant speċjali (pereżempju, il-pustier) u jiġi kkonsenjat lill-kummissjoni elettorali – din il-karta tal-vot tiddaħħal fl-envelopp mill-votant (jew jekk meħtieġ minn xi ħadd li jassisti) fil-preżenza ta' dak ir-rappreżentant u xhud. Fil-**Polonja**, l-**Awstrija** u l-**Iżvezja**, votant li jkun esprima x-xewqa li jivvota bil-posta u li jkun irċieva l-karta tal-vot jista' jbiddel fehemtu u – minflok jibgħat lura l-karta tal-vot – jista' jmur biha personalment fil-kaxxa tal-voti fil-post tal-votazzjoni tiegħu fil-jum tal-elezzjoni.

6.5.6 Fil-**Ġermanja** u fil-**Polonja**, il-votanti għomja jistgħu jiksbu koperturi speċjali għall-karti tal-vot (l-istess bħal dawk disponibbli fil-postijiet tal-votazzjoni), li jippermettulhom jivvutaw b'mod indipendenti kompletament.

6.5.7 Kummenti

a) Il-vot bil-posta jagħmilha ferm eħfef għall-persuni b'diżabilità li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet.

b) L-effettività u l-popolarità ta' din is-soluzzjoni, madankollu, jiddependu fuq is-sempliċità tal-proċeduri u n-nuqqas ta' miżati: l-espressjoni tax-xewqa li tipparteċipa, il-mezzi tal-ġbir tal-karta tal-vot u kif tirritornaha malli timtela.

c) Il-votanti għandhom jirċievu mhux biss il-karta tal-vot iżda wkoll informazzjoni f'forma adattata għat-tip ta' diżabilità tal-votant speċifiku u, fejn meħtieġ, anke l-koperturi għall-persuni għomja u neqsin mid-dawl.

6.6 Votazzjoni permezz tal-kaxxi tal-voti mobbli

6.6.1 Dan it-tip ta' vot, b'differenzi fit-termini tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, jintuża fi 17-il Stat Membru. Fi 12 minnhom, huwa possibbli li tivvota billi tuża kaxxa tal-voti li titwassal fil-post tar-residenza attwali tal-votant (eż. id-domiċilju, is-sodda tal-isptar jew l-istituzzjoni tal-kura fit-tul) jew, biex nieħdu eżempju ieħor, post quddiem il-post tal-votazzjoni (f'każijiet fejn id-dħul fil-post tal-votazzjoni jirrikjedi wisq sforz għall-votant). Mill-perspettiva tal-votant, l-istess sitwazzjoni sseħħ f'ħames pajjiżi oħra fejn il-vot ma jintefax fil-kaxxa tal-voti (minħabba li l-vot ma jinġiebx fiżikament fil-kaxxa tal-voti); minflok, il-karta tal-vot b'sigurtà xierqa tinġabar f'envelopp (li jirrappreżenta l-kaxxa tal-voti) direttament mingħand il-votant minn membri tal-kummissjoni elettorali.

6.6.2 Dan it-tip ta' votazzjoni jista' jintuża minn persuni li d-diżabilità jew il-kundizzjoni medika tagħhom ma tħallihomx jaslu fil-post tal-votazzjoni. F'ħafna pajjiżi, li tkun fi sptar jew f'istituzzjoni tal-kura fit-tul fil-jum tal-votazzjoni hija biżżejjed, bħal – fil-**Litwanja** – li jkollok 70 sena. Xi pajjiżi għandhom dispożizzjonijiet li jistipulaw speċifikament ir-rekwiżiti formali;

f'oħrajn, sitwazzjonijiet individwali huma evalwati b'mod aktar flessibbli, u n-nuqqas temporanju ta' mobbiltà (eż. pazjent li jibqa' d-dar wara operazzjoni) jiġi kkunsidrat ukoll.

6.6.3 Il-proċedura biex persuna tiddikjara l-intenzjoni tagħha li tivvota bl-użu ta' kaxxa tal-voti mobbli hija flessibbli ħafna fl-Istati Membri tal-UE; apparti l-mili ta' applikazzjoni formali, ta' spiss huwa aċċettabbli li persuna ċċempel jew tibgħat ittra elettronika. Pajjiż wieħed biss għandu rekwiżit li jintbagħat ċertifikat mediku li jissostanzja l-inkapaċità li persuna tasal fil-post tal-votazzjoni.

6.6.4 Tnax-il pajjiż għandhom l-aktar soluzzjoni flessibbli: il-kaxxa tal-voti tinġieb fir-residenza tal-votant. L-aktar restrizzjoni komuni hawn hija r-rekwiżit li r-residenza tal-votant tkun tinsab fil-muniċipalità fejn jinsab il-post tal-votazzjoni assenjat lill-votant. Fi tliet pajjiżi, l-użu ta' kaxxa tal-voti mobbli huwa ristrett biss għal pazjenti tal-isptar u persuni li joqogħdu f'istituzzjonijiet ta' kura li huma fis-sodda u li ma jistgħux jimxu b'mod indipendenti. Żewġ pajjiżi oħra jippermettu li l-kaxxa tal-voti tiġi mċaqalqa ġewwa l-post tal-votazzjoni jekk l-ostakli fiżiċi jipprevjenu lill-votant milli jkun jista' jasal għaliha. Huwa wkoll possibbli li l-kaxxa tal-voti u l-karti tal-vot jinħarġu barra, quddiem il-post tal-votazzjoni.

6.6.5 Is-**Slovakkja**, il-**Finlandja** u l-**Estonja** jippermettu wkoll lil persuni li jipprovdu kura permanenti lill-votanti b'diżabilità li jivvutaw fl-istess ħin fl-istess kaxxa tal-voti. Il-kondizzjonijiet huma: notifika minn qabel, assenjazzjoni lill-istess kummissjoni elettorali, u relazzjoni mill-qrib mal-votant.

6.6.6 Madwar nofs l-Istati Membri jagħmlu użu mill-votazzjoni bl-użu tal-kaxxa tal-voti mobbli fil-jum tal-elezzjoni, u l-oħrajn fil-ġranet ta' tħejjija ta' qabel l-elezzjoni. Il-votant ġeneralment jiġi mgħarraf biż-żmien meta l-kaxxa tal-voti għandha titwassal fid-dar tagħhom; madankollu, dan il-perjodu ta' żmien huwa relattivament qasir (li ma jaqbiżx it-tliet sigħat) f'erba' pajjiżi biss.

6.6.7 Il-votanti b'diżabilità li jivvutaw permezz ta' kaxxa tal-voti mobbli jistgħu jgawdu l-istess għajnuniet bħal fil-post tal-votazzjoni – koperturi għall-persuni għomja (jekk disponibbli f'dak il-pajjiż) jew l-għajnuna ta' persuna oħra (assistent).

6.6.8 Kummenti

a) Il-kaxxa tal-voti mobbli hija mod effettiv ħafna biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-votazzjoni. Madankollu, fir-rigward tal-ispejjeż, ta' min wieħed jgħaqqad din is-soluzzjoni mal-vot bil-posta, billi dawn iż-żewġ forom jistgħu jikkomplementaw lil xulxin.

b) Bħala soluzzjoni proviżorja sakemm tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-postijiet tal-votazzjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-ħruġ barra tal-karti tal-vot u ta' kaxxa żgħira addizzjonali tal-voti quddiem il-post tal-votazzjoni sabiex il-votanti jkunu jistgħu jivvutaw hemmhekk.

c) Għal persuni morda jew li għandhom diżabilità serja, l-istennija ta' bosta sigħat biex il-kummissjoni tasal bil-kaxxa tal-voti tista' tkun ta' piż kbir. Iż-żmien li fih għandha titwassal il-kaxxa tal-voti għandu jkun qasir.

6.7 Votazzjoni bi prokura

6.7.1 Il-votazzjoni bi prokura tikkonċerna biss dawk il-każijiet fejn il-votant jawtorizza lil persuna oħra biex tivvota f'ismu meta jivvota fil-post tal-votazzjoni. Dan huwa magħruf bħala delega tad-drittijiet tal-vot. Il-prokuratur jitfa' l-vot f'isem il-votant u fil-ħin tal-votazzjoni, il-votant ma jkunx akkumpanjat mill-prokuratur tiegħu/tagħha.

6.7.2 Din l-għażla hija possibbli f'erba' Stati Membri - fi **Franza** u n-**Netherlands**, il-votanti kollha jistgħu jivvutaw bi prokura; fil-**Polonja** huwa ristrett għal persuni b'diżabilità u għal persuni li għandhom aktar minn 75 sena; u fil-**Belġju**, gruppi pjuttost kbar ta' votanti, inkluż persuni morda u persuni b'diżabilità, għandhom dan id-dritt, wara li jipprovdu ċertifikat mediku xieraq.

6.7.3 Il-prokuratur għandu jkollu d-dritt li jivvota fl-istess post tal-votazzjoni bħall-votant li jiddelega d-drittijiet tal-vot. L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola jirrikjedu proċeduri amministrattivi separati.

6.7.4 Fil-**Polonja** u fi **Franza**, id-drittijiet tal-vot għandhom jiġu ddelegati fil-preżenza ta' uffiċjal lokali; dan jista' jseħħ ukoll fid-dar tal-votant. Fil-**Belġju**, id-drittijiet tal-vot huma ddelegati bl-użu ta' formola speċjali u dan ma jirrikjedix konferma uffiċjali.

6.7.5 Restrizzjonijiet oħra f'dawn il-pajjiżi kollha jenfasizzaw ukoll in-natura eċċezzjonali ta' din il-forma ta' votazzjoni. Fil-**Belġju**, persuna titħalla taġixxi bħala prokuratur għal persuna waħda biss; fin-**Netherlands** għal tnejn; fi **Franza** għal waħda, bħala regola, u t-tieni biss jekk maħtur bħala prokuratur minn persuna barra l-pajjiż; fil-**Polonja** għal tnejn, sakemm mill-anqas waħda mill-persuni li jiddelegaw id-drittijiet tal-vot hija membru tal-familja immedjata.

6.7.6 Kummenti

a) Il-votazzjoni bi prokura tista' titqies bħala soluzzjoni komplementari, iżda m'għandhiex tintuża bħala skuża biex jiġu diżinċentivati l-isforzi biex il-votanti kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw ġenwinament u direttament fl-elezzjonijiet.

b) Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-mod kif jiġu ddelegati d-drittijiet tal-vot (ir-rekwiżit għall-firma). Il-votanti b'diżabilità għandhom ikunu jistgħu jiddelegaw id-drittijiet tal-vot tagħhom fil-post tar-residenza tagħhom.

c) Il-limitazzjoni tan-numru ta' nies li għalihom persuna waħda tista' taġixxi bħala prokuratur hija soluzzjoni xierqa, sabiex jiġu evitati irregolaritajiet fil-proċess elettorali.

6.8 Votazzjoni elettronika

6.8.1 Iċ-ċittadini kollha fl-**Estonja** jistgħu jivvutaw elettronikament. Dan huwa element wieħed f'sistema komprensiva li tippermetti liċ-ċittadini jikkomunikaw mal-awtoritajiet nazzjonali u jittrattaw kważi l-kwistjonijiet uffiċjali kollha. L-użu ta' din is-sistema huwa tant mifrux li m'hemmx bżonn li jiġi organizzat taħriġ bażiku. Il-votazzjoni elettronika hija l-aktar soluzzjoni konvenjenti għal ħafna Estonjani b'diżabilità. Dan it-tip ta' votazzjoni jinvolvi t-tqegħid tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-kandidat, bħal fil-postijiet tal-votazzjoni tradizzjonali. Vantaġġ ieħor huwa li jkun aktar konvenjenti li wieħed jara l-lista tal-kandidati fuq skrin tal-kompjuter aktar milli jistudja l-listi tal-karti disponibbli fil-post tal-votazzjoni.

6.8.2 Il-mod kif il-votazzjoni hija organizzata fl-**Estonja** jipproteġi lill-votanti minn tentattivi biex iġegħluhom jivvutaw b'mod partikolari, li huwa importanti ħafna għall-persuni b'diżabilità, li ta' spiss jiddependu minn dawk li jieħdu ħsiebhom. Jiġi applikat il-prinċipju tal-aħħar vot: il-persuna li tivvota elettronikament tista' tbiddel fehemtha u terġa' tivvota, u s-sistema tikkunsidra l-aħħar vot mitfugħ. Il-votant jista' jbiddel fehemtu anke jekk l-għażla tal-votazzjoni elettronika tkun diġà għaddiet. F'dak il-każ, madankollu, il-votant għandu jmur personalment fil-post tal-votazzjoni.

6.8.3 F'ċerti reġjuni tal-**Belġju**, il-votazzjoni fil-postijiet tal-votazzjoni ssir bl-użu ta' apparat stazzjonarju speċjali bi skrin (simili għal ATM). Madankollu, għall- persuni b'diżabilità, dan mhux titjib sostanzjali: jistgħu jinqalgħu problemi minħabba l-għoli tal-iskrin u l-leġġibbiltà tiegħu, kif ukoll il-kapaċità manwali meħtieġa għall-użu tat-tagħmir.

6.8.4 Kummenti

a) Il-votazzjoni elettronika tista' tkun forma oħra ta' votazzjoni li hija adatta għal xi persuni b'diżabilità, sakemm hija parti minn qafas komprensiv ta' komunikazzjoni elettronika bejn iċ-ċittadini u l-awtoritajiet nazzjonali. L-istabbiliment ta' sistema ffukata biss fuq l-elezzjonijiet ma jagħmilx sens. Minkejja l-kundizzjonijiet tekniċi relatati mas-sigurtà, pereżempju, ikun meħtieġ investiment sostanzjali biex titqajjem kuxjenza dwar dan il-metodu ta' votazzjoni, speċjalment minħabba l-fatt li l-għoti ta' din l-informazzjoni lil persuni b'diversi diżabilitajiet jirrikjedi approċċ imfassal apposta.

b) Il-votazzjoni elettronika bl-użu ta' apparat stazzjonarju fil-postijiet tal-votazzjoni attwalment ma tirrappreżentax titjib sostanzjali fl-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet għall-persuni b'diżabilità. Biex dan jinbidel, jeħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti tekniċi li jippermettu li l-persuni b'diżabbiltajiet varji joperaw dan l-apparat b'mod indipendenti u l-lokazzjoni tiegħu għandha tiżgura privatezza ġenwina u segretezza għall-votanti.

6.9 Votazzjoni fl-istituzzjonijiet tal-kura fit-tul u fl-isptarijiet

Il-persuni fl-istituzzjonijiet tal-kura fit-tul u fl-isptarijiet ta' spiss ma jitħallewx jeżerċitaw id-drittijiet elettorali tagħhom. Jekk il-votanti f'ċertu pajjiż jistgħu, taħt ċerti kondizzjonijiet, jagħmlu użu minn forom oħra ta' votazzjoni milli fil-post tal-votazzjoni (eż. permezz ta' kaxxa tal-voti portabbli jew permezz tal-vot bil-posta), dawn ovvjament huma wkoll disponibbli għal

persuni li jinsabu f'dawn l-istituzzjonijiet. Madankollu, xi pajjiżi daħħlu arranġamenti speċjali mmirati speċifikament għal dawn il-persuni, u appoġġjaw b'mod komprensiv il-parteċipazzjoni tagħhom fl-elezzjonijiet. Għalhekk dawn il-votanti m'għandhomx għalfejn jikkonformaw ma' formalitajiet speċjali qabel l-elezzjonijiet, b'kuntrast ma' votanti b'kondizzjonijiet ta' saħħa simili imma li jgħixu fi djarhom stess.

6.9.1 Seba' pajjiżi jipprovdu "postijiet tal-votazzjoni magħluqa" għal dawn il-persuni. Dawn jinfetħu fil-jum tal-elezzjoni, u normalment ikollhom l-istess sigħat ta' ftuħ bħall-postijiet tal-votazzjoni normali. Fil-**Polonja**, dawn il-kummissjonijiet elettorali jitħallew jagħlqu kmieni jekk il-votanti kollha intitolati jkunu tefgħu l-vot tagħhom. Fl-**Italja**, il-ħinijiet tal-ftuħ tal-post tal-votazzjoni huma stabbiliti mill-kap tal-isptar jew tal-istituzzjoni tal-kura, u ġeneralment huma iqsar b'mod sinifikanti mis-sigħat tal-ftuħ tal-postijiet tal-votazzjoni l-oħra fil-pajjiż.

6.9.2 Il-fattur deċiżiv li jiddetermina jekk għandux jinfetaħ post tal-votazzjoni f'istituzzjoni huwa n-numru ta' persuni li joqogħdu hemm. Dan ivarja ferm: fil-**Bulgarija**, 10 persuni huwa biżżejjed; fil-**Polonja**, 15; il-limitu f'**Malta** huwa 50 persuna fil-każ tad-djar tal-anzjani filwaqt li l-ismijiet tal-isptarijiet ewlenin huma indikati direttament fil-liġi elettorali; fl-**Italja** n-numru huwa 200 persuna. Fil-**Ġermanja** u l-**Kroazja**, jiġu ffurmati kummissjonijiet elettorali fi stabbilimenti akbar, filwaqt li kummissjonijiet elettorali mobbli speċjali jew ir-rappreżentanti ta' kummissjonijiet regolari jistgħu jivvjaġġaw lejn sptarijiet u istituzzjonijiet tal-kura fit-tul iżgħar.

6.9.3 Forom speċjali ta' votazzjoni, aċċessibbli biss għal persuni fi sptarijiet u istituzzjonijiet tal-kura fit-tul, ġew implimentati f'pajjiżi oħra. Fil-**Litwanja**, persuni li jistgħu jiċċaqilqu minn post għal ieħor jinġiebu biex jivvutaw qabel il-jum tal-elezzjoni f'uffiċċji tal-posta magħżula. Il-persuni li ma jistgħux jaċċessaw dan it-tip ta' post ikollhom żjara minn kummissjoni speċjali bil-karti tal-vot, li tiżgura li dawn jimtlew b'mod indipendenti jew minn assistent magħżul mill-votant u taħt is-sorveljanza tal-votant. Fil-**Finlandja**, il-votazzjoni ssegwi regoli simili bħal fil-postijiet tal-votazzjoni magħluqa, imma fil-perjodu ta' tħejjija għall-jum tal-elezzjoni (11 sa 5 ijiem qabel l-elezzjonijiet). Is-sitwazzjoni hija simili fl-**Estonja**. Fl-**Irlanda**, il-votanti li jgħixu f'istituzzjonijiet tal-kura fit-tul jistgħu japplikaw, billi jissottomettu ċertifikat mediku, biex jiġu inklużi f'Lista ta' Votanti Speċjali u wara li titlesta din il-proċedura jiġu jżuruhom b'mod individwali Uffiċjali ta' Skrutinju Speċjali li jiġbru l-voti tagħhom.

6.9.4 Il-persuni li ma jistgħux jitħarrku mis-sodda li jirrikjedu l-kura l-ħin kollu huma permessi jivvutaw fil-pajjiżi kollha fejn il-votazzjoni ssir fl-isptarijiet u fl-istabbilimenti tal-kura fit-tul. Ħafna minnhom jivvutaw fil-kamra jew fis-sala tagħhom, u jpoġġu l-vot tagħhom fil-kaxxa tal-voti mobbli pprovduta mill-kummissjoni elettorali. F'żewġ pajjiżi, dawn il-votanti jiġu ttrasportati fis-sodod jew fis-siġġijiet tar-roti għal post tal-votazzjoni ppreparat b'mod adegwat. Meta votant ma jkunx jista' jiddikjara l-għażla tiegħu b'mod indipendenti, dan jiġi indikat mill-persuna li jkunu għażlu u taħt is-superviżjoni tagħhom.

6.9.5 Jiżviluppaw relazzjonijiet speċifiċi bejn il-pazjenti u l-persunal f'tali istituzzjonijiet, ħafna drabi b'livell għoli ta' dipendenza, li jirriskjaw li jinfluwenzaw id-deċiżjoni tal-votanti. Għalhekk, il-votazzjoni mill-bogħod (eż. bil-posta jew fuq l-Internet) m'għandhiex tkun promossa f'dawn l-istituzzjonijiet; minflok, il-forom diretti għandhom ikunu l-fokus, li jippermettu lill-

kummissjoni indipendenti tivverifika li l-ebda membru tal-persunal ma jkun qed jipprova jġiegħel lill-votant jivvota b'ċertu mod.

6.9.6 F'ħafna pajjiżi, il-persuni f'istituzzjonijiet bħal dawn – jekk ma jkunx ġie stabbilit post tal-votazzjoni hemmhekk – jistgħu jagħmlu użu minn forom oħra ta' votazzjoni fil-jum tal-elezzjoni jew qabel, primarjament jivvotaw bl-użu ta' kaxxa tal-voti mobbli jew bil-posta, jew billi jinġiebu fil-post tal-votazzjoni normali. Dawn l-għażliet ħafna drabi huma kkoordinati mill-maniġment tal-istituzzjoni. F'xi pajjiżi, dan jieħu l-forma ta' kummissjoni elettorali mobbli li tasal fl-isptar jew fl-istituzzjoni tal-kura u li ma tkunx teħtieġ talba minn qabel mir-residenti tal-istituzzjonijiet biex jipparteċipaw fil-votazzjoni.

6.9.7 Fi kważi terz tal-Istati Membri, il-persuni f'istituzzjonijiet tal-kura l-ħin kollu jew li jkunu għaddejjin minn trattament fit-tul fi sptarijiet m'għandhomx l-opportunità li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet. Jista' jiġri f'għadd sinifikanti ta' pajjiżi li, filwaqt li l-votazzjoni, fit-teorija, tkun possibbli, l-eżerċitar ta' dan id-dritt fil-prattika jkun jirrikjedi sforz u appoġġ kbir mill-familja. Fil-pajjiżi li jifdal, ħafna minn dawn il-persuni jistgħu jipparteċipaw fl-elezzjonijiet, iżda s-soluzzjonijiet sistematiċi li huma fis-seħħ jiffavorixxu biss subsett ta' votanti – l-aktar dawk li jinsabu f'istituzzjonijiet akbar.

6.9.8 Kummenti

a) Il-bidla demografika u s-soċjetajiet li qed jixjieħu huma fatturi li jwasslu għal żieda fin-numru ta' persuni fl-istituzzjonijiet tal-kura u fl-isptarijiet. L-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari biex jiżguraw il-kundizzjonijiet fis-seħħ sabiex dawn il-persuni jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw.

b) L-esperjenza wriet li t-tmexxija ta' post tal-votazzjoni magħluq huwa l-aħjar soluzzjoni sistematika jekk l-istituzzjoni jkollha mill-anqas 50-100 persuna, bil-votazzjoni sseħħ permezz ta' kaxxa tal-voti mobbli fornuta minn kummissjoni elettorali mobbli għall-persuni li joqogħdu f'istituzzjonijiet iżgħar. Ovvjament, il-persuni li ma jistgħux jitħarrku mis-sodda għandhom dejjem ikunu jistgħu jivvutaw permezz ta' kaxxa tal-voti mobbli.

c) Minħabba r-relazzjonijiet speċifiċi, b'livell għoli ta' dipendenza, bejn il-pazjenti u l-persunal f'tali istituzzjonijiet, ir-riskju li d-deċiżjonijiet tal-votanti jiġu influwenzati għandu jiġi mminimizzat. Għalhekk, il-fokus għandu jkun fuq forom diretti ta' votazzjoni f'tali istituzzjonijiet, li jippermettu lill-kummissjoni indipendenti tivverifika li l-ebda membru tal-persunal ma jkun qiegħed iġiegħel lill-votant jivvota b'ċertu mod.

6.10 Votazzjoni obbligatorja

6.10.1 Il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet hija obbligatorja fi tliet pajjiżi tal-UE. Il-liġi fil-**Belġju** u fil-**Greċja** ma tistipulax eċċezzjonijiet għal din ir-regola. Il-votazzjoni fil-**Lussemburgu** mhijiex obbligatorja għall-persuni li għandhom aktar minn 75 sena.

6.10.2 Fil-**Belġju** u fil-**Lussemburgu**, in-nuqqas ta' parteċipazzjoni f'elezzjoni huwa ġġustifikat permezz ta' korrispondenza bil-miktub, potenzjalment akkumpanjata minn evidenza li

tissostanzja. Fil-**Greċja**, dan isir permezz ta' intervista ma' uffiċjal. Ma hemm l-ebda proċedura speċifika mfassla apposta għas-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità.

6.10.3 Dan huwa sikwit sors ta' stress addizzjonali għall-persuni b'diżabilità – l-ewwel, ma jkunux jistgħu jivvutaw minħabba arranġamenti mhux sodisfaċenti u mbagħad ikollhom jiġġustifikaw in-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħhom fl-elezzjoni. Barra minn hekk, dejjem ikun hemm ir-riskju li l-ġustifikazzjoni ma titqiesx suffiċjenti u tista' tirriżulta f'penali.

6.10.4 Fil-**Greċja** biss din ir-regola – minkejja l-fatt li hija parti mill-qafas legali – tiġi ttrattata b'mod flessibbli ħafna mill-awtoritajiet fil-prattika: in-nuqqas ta' parteċipazzjoni ma jinvolvi l-ebda sanzjoni. Fil-**Belġju**, l-ewwel nuqqas ta' parteċipazzjoni f'elezzjoni mhux iġġustifikat jista' jirriżulta fi twissija jew multa ta' EUR 40-80. Nuqqasijiet sussegwenti mhux iġġustifikati ta' parteċipazzjoni jwasslu għal multi ogħla (EUR 80-200); in-nuqqas ta' parteċipazzjoni erba' darbiet fi żmien 15-il sena jfisser li l-elettur jitneħħa mir-reġistru elettorali għal 10 snin. Fil-**Lussemburgu**, l-ewwel nuqqas ta' parteċipazzjoni mhux iġġustifikat jirriżulta f'multa ta' EUR 100-250; każijiet sussegwenti (fi żmien ħames snin) iwasslu għal multi ta' EUR 500-1 000, u l-liġi telenka wkoll sanzjonijiet penali, għalkemm fil-prattika din id-dispożizzjoni mhux probabbli li tiġi applikata.

6.10.5 Kummenti

a) Il-votazzjoni obbligatorja għaċ-ċittadini fl-elezzjonijiet għandha tħeġġeġ bil-qawwa lill-awtoritajiet f'ċerti pajjiżi biex jimplimentaw soluzzjonijiet li jippermettu lil kull persuna b'diżabilità biex tipparteċipa fl-elezzjonijiet.

b) Dan m'għandux iwassal għal sitwazzjoni fejn persuna b'diżabilità jkollha tikkonvinċi lil awtorità pubblika li ma setgħetx tipparteċipa fil-votazzjoni minħabba li dak il-pajjiż ma kienx adatta l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fl-elezzjoni għad-diżabilità tagħhom.

6.11 Drittijiet tal-vot f'pajjiż ta' residenza permanenti differenti mill-pajjiż ta' oriġini

6.11.1 Iċ-ċittadini kollha tal-UE li jgħixu fi Stat Membru li mhux il-pajjiż ta' oriġini tagħhom huma intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fil-pajjiż ta' residenza tagħhom. Madankollu, sabiex jagħmlu użu minn dan id-dritt, għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru elettorali.

6.11.2 Fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri, l-inklużjoni fir-reġistru elettorali hija awtomatikament marbuta mal-inklużjoni fir-reġistru tar-residenti jew tal-kontribwenti, jew il-votant potenzjali jista' jiddikjara x-xewqa tiegħu li jivvota fl-elezzjoni tal-Parlament Ewropew fl-istess ħin (jew wara) li tkun qed issir il-proċedura tar-reġistrazzjoni tar-resident/tal-kontribwent. F'seba' pajjiżi, il-proċedura hija aktar ikkumplikata. F'erbgħa minnhom, iċ-ċittadini tal-UE li jixtiequ jivvutaw għandhom jagħmlu proċedura ta' reġistrazzjoni separata billi jimlew formola ta' reġistrazzjoni. Fi tliet pajjiżi, għandha tiġi sottomessa applikazzjoni, li mbagħad tiġi eżaminata mill-awtoritajiet lokali.

6.11.3 L-arranġamenti tekniċi għall-inklużjoni fir-reġistru elettorali huma kruċjali għall-persuni b'diżabilità. Fi 12-il Stat Membru l-unika possibbiltà hija li jitwettqu l-formalitajiet kollha personalment fl-uffiċċju rilevanti. Fil-15-il Stat Membru l-ieħor, metodi oħra, aktar konvenjenti, huma wkoll possibbli. Erbatax-il pajjiż jagħmluha possibbli li tintbagħat talba bil-miktub, filwaqt li f'10, din it-talba tista' tiġi sottomessa elettronikament – jiġifieri billi tintbagħat ittra elettronika flimkien ma' annessi, jew billi timtela formola onlajn. Fil-każ ta' notifika bil-posta elettronika, ġeneralment hija meħtieġa firma elettronika awtorizzata, iżda fil-**Litwanja**, pereżempju, huwa biżżejjed li tintbagħat kopja skannjata tal-formola ta' applikazzjoni mimlija flimkien mal-annessi meħtieġa. Madankollu, l-ebda pajjiż bl-għażla ta' formola onlajn ma adatta l-formsoluzzjonijiet aġġustati għall-persuni neqsin mis-smigħ, bħal informazzjoni bil-lingwa tas-sinjali. Ċerti pajjiżi għandhom il-possibbiltà ta' proċeduri mfassla individwalment għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità. Pereżempju, f'**Malta**, uffiċjal tal-gvern jista' anke jmur fid-dar tal-persuna li qed tirreġistra biex ikunu jistgħu jimlew il-formola; fil-**Litwanja**, persuna oħra tista' tissottometti jew tibgħat il-formola.

6.11.4 Żewġ pajjiżi biss jobbligaw liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-UE li huma fuq ir-reġistru elettorali biex jerġgħu jirreġistraw biex jivvutaw qabel l-elezzjoni li jkun imiss – li jidher li huwa piż amministrattiv bla bżonn. Fil-pajjiżi l-oħra, huma dejjem diġà rreġistrati fir-reġistru elettorali.

6.11.5 L-iskadenza sa meta l-applikazzjoni għall-inklużjoni fir-reġistru elettorali tista' tiġi sottomessa hija kwistjoni importanti ħafna. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, l-iskadenza tkun sew qabel l-elezzjonijiet: aktar minn erba' ġimgħat; 60 ġurnata f'xi pajjiżi; u f'pajjiż wieħed sa 90 ġurnata qabel l-elezzjoni. Għalhekk il-votanti potenzjali għandhom jirreġistraw biex jivvutaw qabel ma l-informazzjoni tidher fil-midja dwar il-prinċipji li jirregolaw il-parteċipazzjoni fl-elezzjoni, inklużi l-arranġamenti għal persuni b'diżabilità, li jippermettulhom jixtarru jekk humiex se jkunu jistgħu jieħdu sehem b'mod indipendenti fl-elezzjoni. Żewġ pajjiżi biss għandhom skadenza li hija anqas minn ġimgħa qabel l-elezzjoni: ir-reġistrazzjoni fil-**Litwanja** hija possibbli sebat ijiem qabel l-elezzjoni, u fil-**Polonja** ħamest ijiem (u anke aktar tard f'każijiet eċċezzjonali).

6.11.6 Kummenti

a) Ir-reġistrazzjoni tal-votanti li jgħixu f'pajjiż differenti tal-UE mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom għandha sseħħ darba biss; il-proċess m'għandux jiġi ripetut fl-elezzjonijiet sussegwenti.

b) Ħafna persuni b'diżabilità jistgħu jsibu li biex jirreġistraw personalment f'uffiċċju se jkun impossibbli jew iebes ħafna. Għalhekk, modi oħra ta' reġistrazzjoni – inkluż metodi personalizzati, f'każijiet partikolarment iġġustifikati – għandhom ikunu possibbli u kontinwament miżjuda.

c) F'ħafna Stati Membri, il-proċeduri għar-reġistrazzjoni ma jqisux biżżejjed il-bżonnijiet ta' persuni għomja u neqsin mid-dawl u ta' persuni neqsin mis-smigħ. Dan jeħtieġ li jittejjeb b'mod urġenti.

d) L-iskadenzi fl-Istati Membri tal-UE biex il-votanti potenzjali jirreġistraw għall-vot ivarjaw ħafna, minn 90 jum sa tlett ijiem qabel l-elezzjoni. Huwa diffiċli li jiġu ġġustifikati dawn id-diverġenzi. Ir-reġistru elettorali għandu jingħalaq mhux aktar kmieni minn ġimagħtejn qabel l-elezzjoni.

*Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

Rue Belliard/Belliardstraat 99
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Persuna inkarigata mill-pubblikazzjoni: Unità taż-Żjajjar u l-Pubblikazzjonijiet
EESC-2019-26-MT

**www.eesc.europa.eu**

© L-Unjoni Ewropea, 2019
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratt / grafika,
il-permess għandu jintalab direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

ISO14001 CERTIFIED VINÇOTTE

EMAS Verified environmental management REG.NO. BE - BXL - 27

*Print*
QE-02-19-153-MT-C
ISBN 978-92-830-4458-1
doi:10.2864/60093

*Online*
QE-02-19-153-MT-N
ISBN 978-92-830-4444-4
doi:10.2864/694462

MT